Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0116

Il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal, u s-sostituzzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni)

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fis-17 ta' Ġunju 2025 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (riformulazzjoni) (COM(2024)0060 – C9-0028/2024 – 2024/0035(COD))[1]

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – riformulazzjoni)

Emenda 1
Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) It-tfal qed ikunu dejjem aktar attivi online minn età żgħira, u l-evidenza disponibbli tindika li s-subien u l-bniet jidhru li huma vulnerabbli b’modi differenti. Filwaqt li l-bniet huma vulnerabbli b’mod sproporzjonat għall-vjolenza ċibernetika, inklużi l-fastidju online, l-estorsjoni sesswali, il-ħsara sesswali u l-isfruttament, huwa aktar

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 60(4), ir-raba' subparagrafu (A10-0097/2025).

	probabbli li s-subien jesperjenzaw koerċizzjoni sesswali ta' natura finanzjarja u huma inqas adattati għar-riskji online meta mqabbla mal-bniet. L-istudji juru li waħda minn kull għaxar mara ffaċċjat vjolenza ċibernetika abbażi tal-ġeneru mill-età ta' 15-il sena, u 58 % tal-bniet irrapportaw fastidju online. It-tfal LGBTIQ+ jiffaċċjaw riskji saħansitra ogħla. Id-distribuzzjoni mhux kunsenswali ta' stampi u l-kummerċ ta' materjali ta' abbuż sesswali tat-tfal ikomplu jsaħħu l-istereotipi u l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri dannużi. Mill-inqas żewġ terzi tal-vittmi ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal huma bniet. Għalhekk, minflok ma jintużaw b'mod indiskriminat l-istess interventi li jimmiraw it-tfal kollha, jenħtieġ li jiġu żviluppati interventi mfassla apposta u sensittivi għall-ġeneru biex jiġi evitat u miġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal online, filwaqt li jiġi żgurat li l-pjattaformi diġitali jimplimentaw protezzjonijiet robusti allinjati mad-drittijiet fundamentali u mal-leġiżlazzjoni reċenti dwar il-vjolenza kontra n-nisa, inkluża l-vjolenza ċibernetika.

Emenda 2
Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Il-materjal ta' abbuż	(10) Il-materjal ta' abbuż

sesswali tat-tfal ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew ***tal-organi sesswali*** tagħhom, u tali stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati bil-għarfien ***tat-tifel/tifla*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***ta' tifel/tifla***, fejn ***it-tifel jew tifla jkunu*** involuti jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali , kif ukoll l-hekk imsejħa "manwali ***għall-pedofili"*** .	sesswali tat-tfal***, irrispettivament mill-mod ta' kif inħoloq, inkluż bl-użu tal-intelliġenza artifiċjali,*** ħafna drabi jinkludi stampi li juru l-abbuż sesswali tat-tfal min-naħa tal-adulti. Jista' jinkludi wkoll ***stampi ta'*** tfal involuti f'imġiba sesswalment espliċita, jew ***tal-partijiet intimi*** tagħhom, u tali stampi jkunu prodotti jew użati għal skopijiet primarjament sesswali u sfruttati bil-għarfien ***tat-tfal*** jew mingħajru. Inoltre, il-kunċett ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ikopri wkoll stampi realistiċi ***tat-tfal***, fejn ***it-tfal ikunu*** involuti jew rappreżentati bħala involuti f'imġiba sesswalment espliċita għal skopijiet primarjament sesswali , kif ukoll l-hekk imsejħa "manwali ***tal-istruzzjonijiet", maħsuba biex jipprovdu pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jiġi ġġenerat, imxerred jew akkwistat u kif jitwettqu l-abbuż sesswali tat-tfal, l-isfruttament sesswali tat-tfal jew is-solleċitazzjoni tat-tfal***.

Emenda 3
Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni	(11) Ir-riċerka wriet li l-limitazzjoni tat-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mhix biss kruċjali biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni marbuta maċ-ċirkolazzjoni ta' stampi u filmati tal-abbuż iżda hija essenzjali wkoll bħala forma ta' prevenzjoni

għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta’ applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi u vidjos “deep-fake” li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b’mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta’ ambjenti ta’ realtà ***miżjuda***, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta’ apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta’ referenza espliċita għal “riproduzzjonijiet u ***rappreżentazzjonijiet” tiżgura*** li d-definizzjoni ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b’mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.

għan-naħa tat-trasgressuri, peress li l-aċċess għal materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal spiss ikun l-ewwel pass lejn abbuż prattiku, irrispettivament minn jekk jurix abbuż u sfruttament reali jew wieħed sempliċiment realistiku. L-iżvilupp kontinwu ta’ applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali li kapaċi joħolqu stampi realistiċi li ma jintgħarfux minn stampi reali, l-għadd tal-hekk imsejħa stampi***, psewdoritratti*** u vidjos “deep-fake”***, iġġenerati mill-intelligenza artifiċjali jew maħluqa permezz ta’ kwalunkwe mezz kompjuterizzat ieħor,*** li juru abbuż sesswali tat-tfal huwa mistenni li jikber b’mod esponenzjali fis-snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta’ ambjenti ta’ realtà ***awmentata***, estiża u virtwali li jagħmlu użu minn avatars inkluż feedback sensorjali, pereżempju permezz ta’ apparati li jipprovdu perċezzjoni tal-mess mhumiex koperti bis-sħiħ mid-definizzjoni eżistenti. Jenħtieġ li l-inklużjoni ta’ referenza espliċita għal ***repreżentazzjonijiet iġġenerati “bi kwalunkwe mezz” u r-referenza għal*** “riproduzzjonijiet u ***rappreżentazzjonijiet irrispettivament mill-metodu ta’ kif inħolqu jew ġew immanipulati” jiżguraw*** li d-definizzjoni ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal tkopri dawn l-iżviluppi teknoloġiċi u dawk futuri b’mod li jkun teknoloġikament newtrali biżżejjed u għalhekk validu għall-futur.

Emenda 4
Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi ***l-hekk imsejħa "manwali għall-pedofili"***. ***Il-manwali għall-pedofili*** jipprovdu pariri dwar kif ***għandhom*** jinstabu, jiġu soġġetti għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat u ***prosegwit***. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali ***manwali***. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux uniformi ta' protezzjoni fl-UE kollha.	(12) Sabiex jiġu evitati reati li jinvolvu l-abbuż sesswali tat-tfal, id-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tinkludi ***struzzjonijiet dwar kif it-tfal jiġu sesswalment abbużati u sfruttati, irrispettivament mill-forma li biha jingħataw l-istruzzjonijiet***. ***Dawn l-istruzzjonijiet, inkluż fil-forma ta' manwali,*** jipprovdu pariri dwar kif jinstabu, jiġu soġġetti għal grooming u abbużati t-tfal u kif wieħed jista' jevita li jiġi identifikat u ***jitressaq għall-prosekuzzjoni jew jagħtu gwida dwar kif il-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jiġi ġġenerat, imxerred jew akkwistat. Jenħtieġ li l-mudelli jew il-prompts diġitali li jippermettu l-ħolqien ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal iġġenerat mill-IA jitqiesu wkoll bħala struzzjonijiet dwar kif it-tfal jiġu sesswalment abbużati jew sfruttati u għalhekk jaqgħu fid-definizzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal***. Billi jnaqqsu l-ostakli u jipprovdu l-għarfien prattiku meħtieġ, dawn jikkontribwixxu biex jinċitaw lit-trasgressuri u jappoġġaw it-twettiq ta' abbuż sesswali. It-tixrid online tagħhom diġà wassal lil ċerti Stati Membri biex jemendaw il-liġi kriminali tagħhom u jikkriminalizzaw b'mod espliċitu l-pussess u d-distribuzzjoni ta' tali ***struzzjonijiet***. In-nuqqas ta' armonizzazzjoni joħloq livell mhux

uniformi ta’ protezzjoni fl-UE kollha.

Emenda 5
Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a)In-nuqqas ta’ kunsens jifforma parti mill-elementi kostituttivi ta’ xi whud mir-reati stabbiliti f’din id-Direttiva. Għalhekk, l-introduzzjoni ta’ definizzjoni ta’ kunsens titqies indispensabbli biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta’ din id-Direttiva.

Emenda 6
Proposta għal direttiva
Premessa 12b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12b) Id-drittijiet stabbiliti f’din id-Direttiva huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tat-trasgressur. It-terminu “trasgressur” jirreferi għal persuna li tkun instabet ħatja ta’ reat. Madankollu, għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, jirreferi wkoll għal persuna suspettata jew akkużata qabel kwalunkwe rikonoxximent ta’ ħtija jew kundanna, u huwa mingħajr preġudizzju għall-preżunzjoni tal-innoċenza.

Emenda 7
Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar id-dritt kriminali sostantiv, l-Unjoni jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza ta' din il-leġiżlazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' pieni. Din id-Direttiva, billi fiha numru eċċezzjonalment għoli ta' reati differenti, teħtieġ, sabiex tirrifletti l-gradi diversi ta' serjetà, differenzjazzjoni fil-livell ta' pieni li tmur lil hinn minn dak li normalment jenħtieġ li jkun previst fl-istrumenti legali tal-Unjoni.	(14) Fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar id-dritt kriminali sostantiv, l-Unjoni jenħtieġ li tiżgura l-konsistenza ta' din il-leġiżlazzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' pieni. Din id-Direttiva, billi fiha numru eċċezzjonalment għoli ta' reati differenti, teħtieġ, sabiex tirrifletti l-gradi diversi ta' serjetà, differenzjazzjoni fil-livell ta' pieni li tmur lil hinn minn dak li normalment jenħtieġ li jkun previst fl-istrumenti legali tal-Unjoni. ***Jenħtieġ li din id-Direttiva tiżgura li r-reati mwettqa bl-għajnuna tat-teknoloġija jkunu koperti bl-istess pieni bħal reati oħra, għax is-serjetà tar-reati u t-trawma li tirriżulta minħabba fihom huma ekwivalenti.***

Emenda 8
Proposta għal direttiva
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Il-forom serji ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal jenħtieġ li jkunu soġġetti għal pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dan jinkludi, b'mod partikolari, diversi forom ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal iffaċilitat mill-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, bħas-solleċitazzjoni bl-Internet ta' tfal għal skopijiet sesswali permezz ta' networks soċjali u ta' chat rooms. Id-definizzjoni ta' materjal	(15) Il-forom serji ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal jenħtieġ li jkunu soġġetti għal pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi. Dan jinkludi, b'mod partikolari, diversi forom ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal iffaċilitat mill-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, bħas-solleċitazzjoni bl-Internet ta' tfal għal skopijiet sesswali permezz ta' networks soċjali u ta' chat rooms. Id-definizzjoni ta' materjal

ta’ abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tkun iċċarata u allinjata aktar qrib għal dik li ***jinsab*** fi strumenti internazzjonali. B’mod aktar wiesa’, jenħtieġ li t-terminoloġija użata f’din id-Direttiva tinġieb konformi ma’ standards internazzjonali rikonoxxuti bħal-Linji Gwida ta’ Terminoloġija għall-Protezzjoni tat-Tfal minn Sfruttament Sesswali u Abbuż Sesswali adottati mill-Grupp ta’ Ħidma bejn l-Aġenziji fil-Lussemburgu fit-28 ta’ Jannar 2016.	ta’ abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li tkun iċċarata u allinjata aktar qrib għal dik li ***tinsab*** fi strumenti internazzjonali. B’mod aktar wiesa’, jenħtieġ li t-terminoloġija użata f’din id-Direttiva tinġieb konformi ma’ standards internazzjonali rikonoxxuti bħal-Linji Gwida ta’ Terminoloġija għall-Protezzjoni tat-Tfal minn Sfruttament Sesswali u Abbuż Sesswali adottati mill-Grupp ta’ Ħidma bejn l-Aġenziji fil-Lussemburgu fit-28 ta’ Jannar 2016. ***Barra minn hekk, biex titjieb l-implimentazzjoni effiċjenti ta’ din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jarmonizzaw u jimmodernizzaw il-lingwaġġ użat fil-liġi nazzjonali tagħhom biex jallinjawh mal-lingwaġġ użat f’din id-Direttiva. Dan jinvolvi s-sostituzzjoni tat-terminu “pedopornografija” b’“materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal” bħala l-ewwel miżura essenzjali.***

Emenda 9
Proposta għal direttiva
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a)Sabiex tinkiseb protezzjoni akbar għat-tfal online u biex jissaħħu l-miżuri preventivi, jenħtieġ ukoll li l-imġiba intenzjonata li tesponi lit-tfal għall-kontenut pornografiku, għal skopijiet sesswali, tiġi kriminalizzata.

Emenda 10
Proposta għal direttiva
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Fil-kuntest tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal , it-terminu "ma għandux jitqies li twettaq ***"mingħajr*** dritt" jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu ***għal*** difiża fir-rigward tal-imġiba marbuta ma' materjal li jista' jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkollu, pereżempju, skop mediku, xjentifiku jew simili. Jippermetti wkoll li jsiru attivitajiet skont setgħat legali domestiċi, bħall-pussess leġittimu tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-awtoritajiet bl-iskop li jmexxu proċedimenti kriminali jew li jipprevjenu, jiskopru jew jinvestigaw reati , jew attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta dawn l-organizzazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Dawn l-attivitajiet jinkludu, b'mod partikolari, ir-riċeviment, l-analiżi u l-ħolqien ta' rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż id-determinazzjoni tal-post fejn jiġi ospitat il-materjal imsemmi fir-rapporti, sottomess lilhom minn utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, kif ukoll it-twettiq ta' tfittxijiet biex jiġi identifikat it-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. ***Barra minn hekk, it-terminu "mingħajr dritt" ma jeskludix id-difiżi legali jew prinċipji***	(20) Fil-kuntest tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal , it-terminu "ma għandux jitqies li twettaq ***mingħajr*** dritt" jippermetti lill-Istati Membri jipprovdu difiża fir-rigward tal-imġiba marbuta ma' materjal li jista' jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkollu, pereżempju, skop mediku, xjentifiku jew simili. ***Barra minn hekk, it-terminu "mingħajr dritt" ma jeskludix id-difiżi legali jew prinċipji relevanti simili li jeżoneraw persuna mir-responsabbiltà f'ċirkostanzi speċifiċi.*** Jippermetti wkoll li jsiru attivitajiet skont setgħat legali domestiċi, bħall-pussess leġittimu tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-awtoritajiet bl-iskop li jmexxu proċedimenti kriminali jew li jipprevjenu, jiskopru jew jinvestigaw reati, jew attivitajiet imwettqa minn organizzazzjonijiet***, bħall-hotlines,*** li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta dawn l-organizzazzjonijiet ikunu ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li jkunu stabbiliti fih. Dawn l-attivitajiet jinkludu, b'mod partikolari, ir-riċeviment, l-analiżi u l-ħolqien ta' rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal, inkluż id-determinazzjoni tal-post fejn jiġi ospitat il-materjal imsemmi fir-rapporti, sottomess lilhom minn utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu

relevanti simili li jeżoneraw persuna mir-responsabbiltà f'ċirkostanzi speċifiċi. .	fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, kif ukoll it-twettiq ta' tfittxijiet biex jiġi identifikat it-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Emenda 11
Proposta għal direttiva
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a)L-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, bħall-membri tan-network tal-hotlines INHOPE, ilhom attivi għal snin sħaħ f'diversi Stati Membri, filwaqt li kkooperaw mal-infurzar tal-liġi u mal-fornituri biex jiffaċilitaw il-proċess tat-tneħħija u r-rapportar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Din il-ħidma tiġġieled ir-rivittimizzazzjoni billi tillimita t-tixrid ta' materjal illegali online, u tista' tipprovdi evidenza għall-infurzar tal-liġi ta' reati mwettqa. Madankollu, il-qafas legali li fih joperaw ivarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor u, f'ħafna każijiet, huwa nieqes f'termini tal-identifikazzjoni tal-kompiti li dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jwettqu legalment, kif ukoll tal-kundizzjonijiet rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu qafas legali għal dawn l-organizzazzjonijiet biex iwettqu l-kompiti rilevanti, u b'mod partikolari l-ipproċessar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, f'liema

	każ l-ipproċessar jenħtieġ li ma jitqiesx bħala "mingħajr dritt". Tali qafas legali huwa meħtieġ peress li jżid iċ-ċertezza legali, jimmassimizza s-sinerġiji bejn l-awtoritajiet nazzjonali u atturi oħra involuti fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u jappoġġa d-drittijiet tal-vittmi billi jneħħi l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-isfera diġitali pubblika.

Emenda 12
Proposta għal direttiva
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Is-sollečitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni ***bħas-"sesstorsjoni" (jiġifieri l-imġiba ta' theddid*** li ***jiġi kondiviż*** materjal intimu li ***juri lill-vittma biex wieħed jikseb*** flus, materjal ta' abbuż	(22) Is-sollečitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali hija theddida b'karatteristiċi speċifiċi fil-kuntest tal-Internet, billi dan jagħti anonimità mingħajr preċedent lill-utenti minħabba li jistgħu jaħbu l-identità vera tagħhom u l-karatteristiċi personali ta' dak li jkun, bħalma hi l-età tagħhom. Fl-aħħar deċennju, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni pprovda lit-trasgressuri b'aċċess dejjem aktar faċli għat-tfal, fejn il-kuntatt spiss jibda bit-trasgressur iħajjar lit-tfal, pereżempju, billi jippretendi li jkun tamparhom jew bi mġiba oħra qarrieqa jew kumplimentuża, biex jispiċċaw f'sitwazzjonijiet kompromettenti ***kemm fid-dinja reali kif ukoll f'dik virtwali***. Dan l-aċċess akbar għat-tfal wassal għat-tkabbir rapidu ta' fenomeni ***bħall-estorsjoni sesswali. L-estorsjoni sesswali tat-tfal tirreferi għall-att*** li ***bih***

sesswali tat-tfal jew ***xi benefiċċju ieħor)***, li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ta' ***sesstorsjoni*** motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***ta' tifel/tifla*** għal laqgħa ***mal-akkużat*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tifel/tifla***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. Tkun liema tkun is-soluzzjoni ***ġuridika*** magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"grooming offline", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ***jipprosegwixxu kontra l-awturi*** ta' tali reati.

persuna tiġi mhedda li jitqassam materjal intimu li ***jkun fih tfal vittmi sabiex jinkisbu*** flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal***,*** jew ***forom oħra ta' gwadann, bit-theddida li dan il-materjal jiġi kondiviż mingħajr il-kunsens tal-persuna murija***, li jaffettwaw lit-tfal kemm taħt l-età tal-kunsens sesswali kif ukoll dawk li qabżuha. Fl-aħħar snin, kien hemm żieda ta' ***estorsjoni sesswali*** motivata finanzjarjament minn gruppi tal-kriminalità organizzata mmirati b'mod partikolari lejn subien adoloxxenti, li wasslet għal diversi każijiet fejn dawk it-tfal neħħew ħajjithom. Għalhekk, huwa essenzjali li dawn il-fenomeni kollha jkunu koperti b'mod xieraq fil-liġi tal-Istati Membri. Fl-istess waqt, l-Istati Membri jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda wkoll kontra s-solleċitazzjoni ***tat-tfal*** barra mill-kuntest tal-Internet, b'mod partikolari fejn tali solleċitazzjoni ma ssirx bl-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri huma inkoraġġiti jikkriminalizzaw l-imġiba fejn is-solleċitazzjoni ***tat-tfal*** għal laqgħa ***mat-trasgressur*** għal skopijiet sesswali sseħħ fil-preżenza jew fil-prossimità ***tat-tfal***, pereżempju fil-forma ta' reat preparatorju partikolari, tentattiv ta' kommissjoni ta' reati msemmija f'din id-Direttiva jew bħala forma partikolari ta' abbuż sesswali. Tkun liema tkun is-soluzzjoni ***legali*** magħżula għall-kriminalizzazzjoni tal-"grooming offline", l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li ***jressqu għall-prosekuzzjoni lill-awturi*** ta' tali reati.

Emenda 13
Proposta għal direttiva
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi reċenti u, b'mod partikolari, tal-iżvilupp ta' ambjenti ta' realtà ***miżjuda***, estiża u virtwali, jenħtieġ li l-kriminalizzazzjoni tas-solleċitazzjoni tat-tfal ma tkunx limitata għal konverżazzjonijiet bil-vuċi, testwali jew bil-posta, iżda tkun tinkludi wkoll kuntatti jew ***skambji*** f'settings ta' realtà ***miżjuda***, estiża jew virtwali, kif ukoll solleċitazzjoni fuq skala kbira tat-tfal permezz tal-użu ta' chat-bots imħarrġa għal dak il-għan, peress li dan il-fenomenu nnifsu mistenni jiżdied fl-isfond tal-evoluzzjoni prevedibbli tal-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali. Għalhekk "permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni" jenħtieġ li tinftiehem b'mod wiesa' biżżejjed biex tkopri dawk l-iżviluppi teknoloġiċi kollha.	(23) Fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi reċenti u, b'mod partikolari, tal-iżvilupp ***tal-intelliġenza artifiċjali, u*** ta' ambjenti ta' realtà ***awmentata***, estiża u virtwali, ***hemm ħtieġa urġenti li s-solleċitazzjoni tat-tfal tiġi indirizzata b'mod aktar effettiv u li jitwettqu evalwazzjonijiet perjodiċi tal-qafas legali:*** jenħtieġ li l-kriminalizzazzjoni tas-solleċitazzjoni tat-tfal ma tkunx limitata għal konverżazzjonijiet bil-vuċi, testwali jew bil-posta, iżda tkun tinkludi wkoll kuntatti***,*** ***skambji*** jew ***laqgħat li jseħħu fid-dinja reali jew virtwali inkluż*** f'settings ta' realtà ***awmentata***, estiża jew virtwali, kif ukoll solleċitazzjoni fuq skala kbira tat-tfal permezz tal-użu ta' chat-bots imħarrġa għal dak il-għan, peress li dan il-fenomenu nnifsu mistenni jiżdied fl-isfond tal-evoluzzjoni prevedibbli tal-applikazzjonijiet tal-intelliġenza artifiċjali. Għalhekk "permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni" jenħtieġ li tinftiehem b'mod wiesa' biżżejjed biex tkopri dawk l-iżviluppi teknoloġiċi kollha.

Emenda 14
Proposta għal direttiva
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a)Is-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali qed jintużaw b'diversi modi għall-abbuż sesswali tat-tfal, inkluż billi jintużaw stampi ta' tfal reali biex jinħoloq materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew billi jintużaw ilħna ta' tfal reali f'tali materjal. Dan jirriżulta fil-vittimizzazzjoni ta' tfal reali, li fosthom jista' jkun hemm superstiti ta' abbuż sesswali tat-tfal preċedenti. L-użu tat-teknoloġija jippermetti wkoll lit-trasgressuri jaħbu l-identità tagħhom u jwettqu grooming tat-tfal u jabbużaw minnhom online b'mod aktar effettiv, pereżempju permezz ta' tekniki ta' awtomatizzazzjoni tal-grooming. Sabiex jiġu indirizzati dawk il-fenomeni, jenħtieġ li l-akkwist jew il-pussess, id-distribuzzjoni, it-tixrid jew it-trażmissjoni, il-ħolqien jew l-adattament ta' tali għodod imfassla jew adattati primarjament għall-fini li jippermettu l-ħolqien ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jiġu kriminalizzati.

Emenda 15
Proposta għal direttiva
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li	(24) Din id-Direttiva ma tirregolax il-linji politiċi tal-Istati Membri rigward attivitajiet sesswali kunsenswali li fihom jistgħu jkunu involuti t-tfal u li

jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. B'mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età).

jistgħu jiġu kkunsidrati bħala l-iskoperta normali tas-sesswalità fil-kors tal-iżvilupp uman, b'kont meħud tat-tradizzjonijiet kulturali u legali differenti u ta' forom ġodda fejn jiġu stabbiliti u jinżammu relazzjonijiet fost it-tfal u l-adolexxenti, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri li jużaw il-possibilitajiet imsemmija f'din id-Direttiva, jagħmlu dan fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom. B'mod aktar partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu esklużivament tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali, kif ukoll attivitajiet sesswali kunsenswali li jinvolvu lill-pari. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pari jkunu protetti mill-prosekuzzjoni għal attività sesswali kunsenswali u mhux ta' sfruttament, dment li ma jkun hemm l-ebda element ta' koerċizzjoni, abbuż ta' fiduċja jew dipendenza bejn il-pari.*** L-emendi ta' dan l-Artikolu huma maħsuba biex jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga, fid-dawl tal-fatt li xi Stati Membri jidhru li interpretaw il-formulazzjoni oriġinali tagħha b'mod wiesa' wisq (pereż. billi jeżentaw mill-kriminalizzazzjoni attivitajiet kunsenswali bejn minuri li jaqbżu l-età tal-kunsens u adulti ta' kwalunkwe età, meqjusa bħala "pari" minkejja differenza sinifikanti fl-età). ***Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet relatati mal-età tal-kunsens ma jiġux interpretati b'mod li jillimita b'xi mod il-kriminalizzazzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament ta' tfal li jkunu***

	laħqu l-età tal-kunsens billi t-tfal ma jistgħux jagħtu kunsens għall-abbuż sesswali.

Emenda 16
Proposta għal direttiva
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu għal ċirkostanzi aggravanti fil-liġi nazzjonali tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli stabbiliti mis-sistemi legali tagħhom dwar ċirkostanzi aggravanti. Huma jenħtieġ li jiżguraw li dawn iċ-ċirkostanzi aggravanti jkunu disponibbli biex l-imħallfin jikkunsidrawhom meta jagħtu sentenzi fir-rigward ta' trasgressuri, għalkemm m'hemm l-ebda obbligu fuq l-imħallfin biex japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi aggravanti. Iċ-ċirkostanzi aggravanti jenħtieġ li ma jkunux previsti mill-Istati Membri fil-liġi nazzjonali meta jkunu irrelevanti b'kont meħud tan-natura tar-reat speċifiku. Ir-relevanza tad-diversi ċirkostanzi aggravanti previsti f'din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi evalwata fil-livell nazzjonali għal kull wieħed mir-reati msemmija f'din id-Direttiva.	(25) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu għal ċirkostanzi aggravanti fil-liġi nazzjonali tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli stabbiliti mis-sistemi legali tagħhom dwar ċirkostanzi aggravanti. ***Jenħtieġ li l-età tal-vittma, it-trattamenti bil-għan li jibdlu l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru ta' persuna (l-hekk imsejħa "terapija ta' konverżjoni") u l-fatt li r-reat kien motivat minn raġuni waħda jew aktar protetti skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti.*** Huma jenħtieġ li jiżguraw li dawn iċ-ċirkostanzi aggravanti jkunu disponibbli biex l-imħallfin jikkunsidrawhom meta jagħtu sentenzi fir-rigward ta' trasgressuri, għalkemm m'hemm l-ebda obbligu fuq l-imħallfin biex japplikaw dawk iċ-ċirkostanzi aggravanti. Iċ-ċirkostanzi aggravanti jenħtieġ li ma jkunux previsti mill-Istati Membri fil-liġi nazzjonali meta jkunu irrelevanti b'kont meħud tan-natura tar-reat speċifiku. Ir-relevanza tad-diversi ċirkostanzi aggravanti previsti f'din id-Direttiva jenħtieġ li tiġi evalwata fil-livell nazzjonali għal kull wieħed mir-reati msemmija f'din id-Direttiva.

Emenda 17
Proposta għal direttiva
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-inkapaċità fiżika jew mentali skont din id-Direttiva jenħtieġ li tinftiehem bħala li tinkludi wkoll l-istat tal-inkapaċità fiżika jew mentali kkawżata mill-influwenza tad-drogi u l-alkoħol.	(26) L-inkapaċità fiżika jew mentali skont din id-Direttiva jenħtieġ li tinftiehem bħala li tinkludi wkoll l-istat tal-inkapaċità fiżika jew mentali kkawżata mill-influwenza tad-drogi***, il-mediċini*** u l-alkoħol ***jew ta' kwalunkwe sustanza li tista' tikkomprommetti r-rieda ħielsa ta' persuna. L-individwi fi stat tal-inkapaċità ma jistgħux jagħtu kunsens informat u volontarju, u dan jagħmel kwalunkwe att sesswali f'ċirkostanzi bħal dawn intrinsikament mhux kunsenswali.***

Emenda 18
Proposta għal direttiva
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. L-awturi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta' awturi	(31) Il-vittmi ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal spiss ma jkunux jistgħu jirrapportaw ir-reat għal diversi għexieren ta' snin wara li jkun twettaq minħabba l-mistħija, il-ħtija u l-awtoħtija, li jistgħu jkunu relatati, fost l-oħrajn, mal-istigma soċjali u kulturali li għad hemm rigward l-abbuż sesswali, is-segretezza li fiha jseħħ l-abbuż, l-imġiba ta' theddid jew l-għoti ta' ħtija mill-awtur tar-reat, u/jew it-trawma. ***Minħabba l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tat-tfal u l-limitazzjonijiet tal-***

ta’ reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta’ theddida għat-tfal. Fid-dawl ta’ dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta’ reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet ***jippermettu lill-vittmi jirrapportaw ir-reat għal perjodu ta’ żmien estiż b’mod sinifikanti***.

iżvilupp tagħhom, jista’ jkun li huma ma jifhmux għalkollox li dak li jkun seħħ kien abbużiv, speċjalment jekk min ikun abbuża kien adult fdat. Jista’ jkun li s-superstiti jkollhom isiru adulti biex jiżviluppaw il-maturità emozzjonali biex jirrikonoxxu l-abbuż u jifhmu l-effetti fit-tul tiegħu. It-trawma tista’ twassal lill-vittmi biex irażżnu jew jimblukkaw il-memorji, bħala miżura protettiva, għal snin sħaħ. L-awturi ta’ abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, għall-kuntrarju ta’ awturi ta’ reati vjolenti oħra, għandhom it-tendenza li jibqgħu attivi sal-età avvanzata, u jkomplu jkunu ta’ theddida għat-tfal. Fid-dawl ta’ dan, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta’ reati li jinvolvu abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal, kif ukoll assistenza u appoġġ xierqa għall-vittmi, jistgħu jiġu pprovduti biss jekk l-istatuti tal-limitazzjonijiet ***jiġu aboliti***.

Emenda 19
Proposta għal direttiva
Premessa 34

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(34) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li għandha għarfien jew suspett ta’ abbuż sesswali jew ta’ sfruttament sesswali ta’ tfal biex tirrapporta lis-servizzi kompetenti. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli informazzjoni lit-tfal dwar il-possibbiltà li jirrapportaw l-abbuż, inkluż dwar il-helplines. Hija r-responsabbiltà ta’ kull Stat	(34) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li għandha għarfien jew suspett ta’ abbuż sesswali jew ta’ sfruttament sesswali ta’ tfal biex tirrapporta lis-servizzi kompetenti. B’mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli informazzjoni lit-tfal dwar il-possibbiltà li jirrapportaw l-abbuż, inkluż dwar il-helplines***, permezz tal-pjattaformi ta’***

Membru li jiddetermina l-awtoritajiet kompetenti fejn jistgħu jiġu rapportati tali suspetti. Dawk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jkunux limitati għal servizzi ta' protezzjoni tat-tfal jew servizzi soċjali relevanti. Ir-rekwiżit ta' suspett "in bona fede" jenħtieġ li jkollu l-għan li jimpedixxi l-invokazzjoni tad-dispożizzjoni biex tiġi awtorizzata d-denunzja ta' fatti purament imaġinarji jew mhux veri mwettqa b'intenzjoni malizzjuża.	***komunikazzjoni li ż-żgħażagħ jużaw l-aktar ta' sikwit***. Hija r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru li jiddetermina l-awtoritajiet kompetenti fejn jistgħu jiġu rapportati tali suspetti. Dawk l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li ma jkunux limitati għal servizzi ta' protezzjoni tat-tfal jew servizzi soċjali relevanti. Ir-rekwiżit ta' suspett "in bona fede" jenħtieġ li jkollu l-għan li jimpedixxi l-invokazzjoni tad-dispożizzjoni biex tiġi awtorizzata d-denunzja ta' fatti purament imaġinarji jew mhux veri mwettqa b'intenzjoni malizzjuża.

Emenda 20
Proposta għal direttiva
Premessa 34a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34a)Jenħtieġ li l-professjonisti kollha, kemm jekk membri tal-persunal kif ukoll jekk bil-kuntratt, u l-voluntiera f'kuntatt mill-qrib mat-tfal isegwu taħriġ obbligatorju biex jagħrfu l-abbużi u l-passi li għandhom jittieħdu biex tiġi żgurata s-sikurezza tat-tfal. Dan it-taħriġ jenħtieġ li jiffoka fuq x'jikkostitwixxi abbuż sesswali tat-tfal online u offline, jgħin biex jintgħarfu l-indikaturi ta' abbuż bħal korrimenti fiżiċi, tbatija emozzjonali, bidliet fl-imġiba, u jgħin fl-identifikazzjoni tal-proċeduri ta' rapportar disponibbli.

Emenda 21
Proposta għal direttiva
Premessa 34b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(34b) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-mekkaniżmi ta' rapportar eżistenti u ġodda, inkluż permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ikunu faċilment aċċessibbli, sikuri, adattati għat-tfal, kunfidenzjali, u mingħajr ħlas. Jenħtieġ li r-rapportar minn partijiet terzi jiġi offrut bħala għażla lill-vittmi biex jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għall-ġustizzja, b'mod partikolari meta jibżgħu minn riperkussjonijiet f'każ li jirrapportaw ir-reat personalment jew meta jiffaċċjaw ostakli oħra meta jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti direttament. Jenħtieġ li jkunu disponibbli riżorsi u persunal adegwati biex jiġu żgurati appoġġ u kura xierqa, u jenħtieġ li jkun hemm mekkaniżmi ta' rapportar fl-istrutturi speċjalizzati bejn l-aġenziji għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

Emenda 22
Proposta għal direttiva
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) Jenħtieġ li r-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni jiġu emendati sabiex ikun żgurat li dawk fl-Unjoni li jabbużaw sesswalment minn jew	(35) Jenħtieġ li r-regoli dwar il-ġuriżdizzjoni jiġu emendati sabiex ikun żgurat li dawk fl-Unjoni li jabbużaw sesswalment minn jew

jisfruttaw sesswalment it-tfal, jiffaċċjaw il-prosekuzzjoni anke jekk ir-reati tagħhom isiru barra mill-Unjoni, permezz tal-hekk imsejjaħ turiżmu ***tas-sess***. L-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***u t-turiżmu*** jenħtieġ li jinftiehem bħala sfruttament sesswali tat-tfal minn persuna jew persuni li jivvjaġġaw mill-ambjent tas-soltu tagħhom lejn destinazzjoni barra minn pajjiżhom fejn ikollhom kuntatt sesswali mat-tfal. Fejn l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***u t-turiżmu*** jseħħ barra mill-Unjoni, l-Istati Membri huma mħeġġin ***ifittxu jżidu***, permezz tal-istrumenti nazzjonali u internazzjonali disponibbli, inklużi t-trattati bilaterali jew multilaterali dwar l-estradizzjoni, l-assistenza reċiproka jew it-trasferiment tal-proċedimenti, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, bil-għan li jikkumbattu ***t-turiżmu*** sesswali . Jenħtieġ li l-Istati Membri jrawmu d-djalogu miftuħ u l-komunikazzjoni mal-pajjiżi barra mill-Unjoni biex, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti, dawn ikunu jistgħu jħarrku lill-awturi li jivvjaġġaw barra mill-fruntieri tal-Unjoni għall-iskopijiet tal-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***u t-turiżmu*** .

jisfruttaw sesswalment it-tfal, jiffaċċjaw il-prosekuzzjoni anke jekk ir-reati tagħhom isiru barra mill-Unjoni, permezz tal-hekk imsejjaħ turiżmu ***sesswali***. L-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***jew fit-turiżmu*** jenħtieġ li jinftiehem bħala sfruttament sesswali tat-tfal minn persuna jew persuni li jivvjaġġaw mill-ambjent tas-soltu tagħhom lejn destinazzjoni barra minn pajjiżhom fejn ikollhom kuntatt sesswali mat-tfal ***u jieħdu sehem f'reati deskritti f'din id-Direttiva***. Fejn l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***jew fit-turiżmu*** jseħħ barra mill-Unjoni, l-Istati Membri huma mħeġġin ***iżidu***, permezz tal-istrumenti nazzjonali u internazzjonali disponibbli, inklużi t-trattati bilaterali jew multilaterali dwar l-estradizzjoni, l-assistenza reċiproka jew it-trasferiment tal-proċedimenti, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, bil-għan li jikkumbattu ***l-isfruttament*** sesswali ***tat-tfal barra mill-pajjiż***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jrawmu d-djalogu miftuħ u l-komunikazzjoni mal-pajjiżi barra mill-Unjoni biex, taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali relevanti, dawn ikunu jistgħu jħarrku lill-awturi li jivvjaġġaw barra mill-fruntieri tal-Unjoni għall-iskopijiet tal-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***jew fit-turiżmu***.

Emenda 23
Proposta għal direttiva
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lill-minorenni***, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri ***jsegwu l-mudell*** Barnahus bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali, pereżempju biex tinġabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra	(36) Jenħtieġ li jiġu adottati miżuri li jipproteġu t-tfal vittmi b'mod komprensiv fl-aħjar interess tagħhom, b'kont meħud ta' stima tal-ħtiġijiet tagħhom. Il-protezzjoni effettiva tat-tfal teħtieġ approċċ tas-soċjetà kollha kemm hi. Bit-tfal fiċ-ċentru, l-awtoritajiet u s-servizzi rilevanti kollha jenħtieġ li jaħdmu flimkien biex jipproteġu u jappoġġaw ***lit-tfal***, fl-aħjar interessi tagħhom. Il-mudell "Barnahus" li jipprovdi ambjent adattat għat-tfal b'persunal ta' speċjalisti mid-dixxiplini rilevanti kollha bħalissa huwa l-aktar eżempju avvanzat ta' approċċ għall-ġustizzja mfassal apposta għat-tfal u biex tiġi evitata r-rivittimizzazzjoni. Id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva huma mibnija fuq il-prinċipji ta' dak il-mudell. Dak il-mudell għandu l-għan li jiżgura li t-tfal kollha involuti fl-investigazzjonijiet dwar l-abbuż tat-tfal jew l-isfruttament sesswali tat-tfal jibbenefikaw minn valutazzjoni ta' kwalità għolja f'ambjenti adatti għat-tfal, appoġġ psikosoċjali xieraq u servizzi protettivi għat-tfal. Din id-Direttiva tipprova tiżgura li l-Istati Membri kollha jirrispettaw dawn il-prinċipji ***orjentati lejn il-vittmi u jkollhom fis-seħħ sistemi ta' protezzjoni tat-tfal li jkunu adattati għall-età tagħhom u multidixxiplinarji biex jipprovdu kura u appoġġ legali effettivi lit-tfal vittmi***, għalkemm ma teħtieġx li l-Istati Membri ***jimplimentaw il-mudell*** Barnahus bħala tali. Meta l-eżamijiet mediċi tat-tfal ikunu meħtieġa għall-finijiet tal-investigazzjonijiet kriminali,

meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***ta' tifel jew tifla jsir*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali , sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa . Meta vittmi tfal jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli u jinftiehmu mit-tfal.

pereżempju biex tinġabar evidenza ta' abbuż, dawn jenħtieġ li jkunu limitati għal dawk strettament meħtieġa sabiex tiġi limitata r-retrawmatizzazzjoni. Jenħtieġ li dan l-obbligu ma jipprevjenix eżamijiet mediċi oħra meħtieġa għall-benesseri tat-tfal. It-tfal vittmi jenħtieġ li jkollhom aċċess faċli għal ġustizzja adattata għat-tfal, rimedji legali u miżuri biex jindirizzaw il-kunflitti ta' interess fejn l-abbuż sesswali jew l-isfruttament sesswali ***tat-tfal isiru*** fil-familja. Meta jkollu jinħatar rappreżentant speċjali għat-tfal waqt investigazzjoni jew proċediment kriminali, dan ir-rwol jista' wkoll jitwettaq minn persuna ġuridika, istituzzjoni jew awtorità. Barra minn dan, jenħtieġ li t-tfal vittmi jkunu protetti minn pieni, pereżempju taħt leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-prostituzzjoni, jekk iġibu l-każ tagħhom għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Barra dan, jenħtieġ li l-parteċipazzjoni ta' tfal vittmi fi proċedimenti kriminali, sa fejn ikun possibbli, ma tikkawżax iktar trawma bħala riżultat ta' intervisti jew kuntatt viżwali mat-trasgressuri. L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti jenħtieġ li jitħarrġu f'ġustizzja mfassla apposta għat-tfal. Li jkun hemm fehim tajjeb tat-tfal u ta' kif iġibu ruħhom meta jiltaqgħu ma' esperjenzi trawmatiċi se jiżgura kwalità għolja ta' teħid ta' evidenza u jnaqqas l-istress fuq it-tfal meta jkunu qed jitwettqu l-miżuri meħtieġa. Meta ***tfal*** vittmi ***jew*** tfal ***xhieda*** jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali, jenħtieġ li l-qorti tqis bis-sħiħ l-età u l-maturità tagħhom fit-twettiq tal-proċedimenti u jenħtieġ li tiżgura li l-proċedimenti jkunu aċċessibbli

u jinftiehmu mit-tfal. ***Jenħtieġ li d-dritt tat-tfal li jinstemgħu u li jipparteċipaw b'mod sinifikattiv jingħata prijorità, filwaqt li jiġi żgurat li l-fehmiet tat-tfal jinstemgħu u jiġu rispettati matul il-proċess kollu.***

Emenda 24
Proposta għal direttiva
Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(36a)Huwa essenzjali li l-Istati Membri jistabbilixxu strutturi multidixxiplinari biex jintegraw l-għarfien espert mill-infurzar tal-liġi, mill-aġenziji tal-protezzjoni tat-tfal, mill-professjonisti fil-kura tas-saħħa, mill-edukaturi u mill-ispeċjalisti tas-saħħa mentali. Jenħtieġ li dawn l-istrutturi jkunu mfassla apposta biex jindirizzaw il-kumplessitajiet tal-isfruttament online u jenħtieġ li jinkludu rispons rapidu u kkoordinat biex jidentifikaw, jinvestigaw u jressqu għall-prosekuzzjoni t-trasgressuri filwaqt li jissalvagwardjaw il-benesseri tal-vittmi. Dawk l-istrutturi, li jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-mudell Barnahus, jenħtieġ li jkunu appoġġati permezz tat-taħriġ estensiv, tal-edukazzjoni u tal-iżvilupp professjonali tal-persunal u jenħtieġ li jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' ċentri fiżiċi ta' appoġġ. Jenħtieġ li jippermettu lill-vittmi tagħhom jirċievu trattament u jipparteċipaw fi proċedimenti kriminali f'post

wieħed mingħajr ir-riskju ta' retrawmatizzazzjoni ripetuta. Dawk l-istrutturi huma l-aktar approċċ effiċjenti għall-appoġġ tat-tfal vittmi tal-abbuż minħabba n-natura olistika, multidixxiplinari u ffokata fuq it-tfal tagħhom. Il-promozzjoni tal-istandards tal-mudell Barnahus hija essenzjali biex jiġu żgurati l-benesseri u d-drittijiet tat-tfal vittmi. Biex jiġi żgurat rapportar aħjar, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jiddiversifikaw il-mekkaniżmi ta' rapportar, filwaqt li jqisu l-manifestazzjonijiet diversi li qed jevolvu tar-reati u l-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet speċifiċi tat-tfal.

Emenda 25
Proposta għal direttiva
Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza fit-terminu l-qasir u fit-terminu t-twil li tkun imfassla apposta u komprensiva lit-tfal li ***jkunu vittmi***. Kull ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali ***ta' tifel jew tifla hi sinifikattiva*** u jenħtieġ li tiġi indirizzata malajr kemm jista' jkun wara l-ewwel kuntatt tal-vittma mal-awtoritajiet. L-assistenza immedjata lill-vittmi qabel u matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali hija essenzjali biex tiġi limitata t-trawma fit-tul marbuta mal-abbuż li jkunu sofrew. Sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti rapidu ta' assistenza, inkluża l-	(37) Jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu assistenza fit-terminu l-qasir u fit-terminu t-twil li tkun imfassla apposta u komprensiva lit-tfal ***vittmi u lis-superstiti, irrispettivament minn jekk ikunux ressqu lment formali. Superstiti għandhom jinftiehmu bħala persuna*** li ***esperjenzat vjolenza sesswali bħala tfal, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u r-rikonoxximent tagħha bħala vittma ta' reat minn sistema legali***. Kull ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali ***tat-tfal hija sinifikanti*** u jenħtieġ li tiġi indirizzata malajr kemm jista' jkun wara l-ewwel kuntatt tal-vittma mal-

identifikazzjoni tas-servizzi ta’ appoġġ rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu linji gwida u protokolli għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tas-servizzi soċjali, inkluż il-persunal tal-helplines . Minħabba n-natura tal-ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali, tali assistenza jenħtieġ li tkompli għal kemm ikun hemm bżonn għall-irkupru fiżiku u psikoloġiku ***tat-tifel jew tifla*** u tista’ tkompli sa meta jsiru adulti jekk ikun hemm bżonn. Jenħtieġ li l-għajnuna u l-konsulenza ***jitqies*** li jiġu estiżi għall-ġenituri , il-persuni li jindukraw u l-persuni li jkollhom it-tutela tat-tfal vittmi fejn ma jkunux involuti bħala persuni suspettati fir-rigward tar-reat ikkonċernat, sabiex jingħataw għajnuna dwar kif għandhom jassistu t-tfal vittmi tagħhom matul il-proċedimenti.

awtoritajiet. L-assistenza immedjata lill-vittmi qabel u matul l-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali hija essenzjali biex tiġi limitata t-trawma fit-tul marbuta mal-abbuż li jkunu sofrew. Sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti rapidu ta’ assistenza, inkluża l-identifikazzjoni tas-servizzi ta’ appoġġ rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri joħorġu linji gwida u protokolli għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tas-servizzi soċjali, inkluż il-persunal tal-helplines. Minħabba n-natura tal-ħsara kkawżata mill-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali, tali assistenza jenħtieġ li tkompli għal kemm ikun hemm bżonn għall-irkupru fiżiku u psikoloġiku ***tat-tfal*** u tista’ tkompli sa meta jsiru adulti jekk ikun hemm bżonn. Jenħtieġ li l-għajnuna u l-konsulenza ***jitqiesu*** li jiġu estiżi għall-ġenituri, il-persuni li jindukraw u l-persuni li jkollhom it-tutela tat-tfal vittmi fejn ma jkunux involuti bħala persuni suspettati fir-rigward tar-reat ikkonċernat, sabiex jingħataw għajnuna dwar kif għandhom jassistu t-tfal vittmi tagħhom matul il-proċedimenti.

Emenda 26
Proposta għal direttiva
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) Id-Direttiva 2012/29/UE tistabbilixxi sett ta’ drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt għal protezzjoni u d-dritt li wieħed jirċievi deċiżjoni dwar kumpens mit-trasgressur . Il-proposta għar-	(39) Id-Direttiva 2012/29/UE tistabbilixxi sett ta’ drittijiet tal-vittmi fi proċedimenti kriminali, inkluż id-dritt għal protezzjoni u d-dritt li wieħed jirċievi deċiżjoni dwar kumpens mit-trasgressur ***u minn kwalunkwe***

reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tipprevedi emendi mmirati għad-drittijiet tal-vittmi kollha. Barra mid-drittijiet stabbiliti fl-ambitu ta' dik id-Direttiva, tfal ***li huma*** vittmi ta' abbuż sesswali, sfruttament sesswali u materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-konsulenza legali, u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja rilevanti, għal rappreżentanza legali, inkluż għall-fini li jitolbu kumpens. Tali ***għajnuna*** legali ***tista' tiġi pprovduta*** wkoll mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' talba ta' kumpens mill-Istat. Il-fini tal-konsulenza legali huwa biex tippermetti lill-vittmi jkunu informati u jirċievu parir dwar il-possibilitajiet diversi li huma miftuħin għalihom. Il-konsulenza legali ***u r-rappreżentanza*** jenħtieġ li ***jingħataw*** minn persuna li tkun irċeviet taħriġ legali adatt mingħajr ma neċessarjament tkun avukat. Il-konsulenza legali u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja relevanti, ir-rappreżentanza legali jenħtieġ li ***tingħata*** mingħajr ħlas għall-inqas meta l-vittma ma għandhiex riżorsi finanzjarji suffiċjenti b'mod konsistenti mal-proċeduri interni tal-Istati Membri.

organizzazzjoni responsabbli għall-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal. Il-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi tipprevedi emendi mmirati għad-drittijiet tal-vittmi kollha. Barra mid-drittijiet stabbiliti fl-ambitu ta' dik id-Direttiva, tfal vittmi ta' abbuż sesswali, sfruttament sesswali u materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-konsulenza legali, u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja rilevanti, għal rappreżentanza legali, inkluż għall-fini li jitolbu kumpens. Tali ***konsulenza*** legali ***u rappreżentazzjoni legali jistgħu jiġu pprovduti*** wkoll mill-awtoritajiet kompetenti għall-fini ta' talba ta' kumpens mill-Istat. Il-fini tal-konsulenza legali huwa biex tippermetti lill-vittmi jkunu informati u jirċievu parir dwar il-possibilitajiet diversi li huma miftuħin għalihom. Il-konsulenza legali jenħtieġ li ***tingħata*** minn persuna li tkun irċeviet taħriġ legali adatt mingħajr ma neċessarjament tkun avukat. Il-konsulenza legali u, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistemi tal-ġustizzja relevanti, ir-rappreżentanza legali jenħtieġ li ***jingħataw*** mingħajr ħlas għall-inqas meta l-vittma ma għandhiex riżorsi finanzjarji suffiċjenti b'mod konsistenti mal-proċeduri interni tal-Istati Membri.
Jenħtieġ li d-dritt tal-vittmi għal kumpens ma jkunx soġġett għal perjodu ta' limitazzjoni.

Emenda 27
Proposta għal direttiva
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE ***għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali*** tat-tfal (“iċ-Ċentru tal-UE”), stabbilit bir-Regolament […/…/UE li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal][16], jappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi u l-obbligi għall-prevenzjoni u l-assistenza tal-vittmi skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li huwa jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-Unjoni u lil hinn minnha. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jħeġġeġ id-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jgħin fl-iżvilupp ta’ programmi ta’ prevenzjoni tal-ogħla livell. Barra minn hekk, billi jikkoopera mal-Istati Membri u jikkontribwixxi għall-istandardizzazzjoni tal-ġbir tad-data dwar l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun ta’ vantaġġ fl-appoġġ ta’ politika bbażata fuq l-evidenza kemm dwar il-prevenzjoni kif ukoll dwar l-assistenza lill-vittmi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti kif iqisu l-aktar xieraq skont l-organizzazzjoni interna tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għal struttura minima b’kompiti identifikati, li tkun kapaċi twettaq valutazzjonijiet tax-xejriet fl-abbuż sesswali tat-tfal, tiġbor statistika, tkejjel ir-riżultati ta’ azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u tirrapporta regolarment dwar tali xejriet, statistika u riżultati. Tali awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jservu bħala	(40) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE ***għall-Protezzjoni*** tat-Tfal (“iċ-Ċentru tal-UE”), stabbilit bir-Regolament […/…/UE li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal][16], jappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi u l-obbligi għall-prevenzjoni u l-assistenza tal-vittmi skont din id-Direttiva***. Huwa ta’ importanza kbira li jiġu stabbiliti dawn ir-regoli u li jitwaqqaf iċ-Ċentru tal-UE mingħajr dewmien żejjed sabiex jiġu simplifikati u mtejba d-diversi sforzi ta’ prevenzjoni u ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal fl-Unjoni kollha***. Jenħtieġ li huwa jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-Unjoni u lil hinn minnha. Iċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jħeġġeġ id-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jgħin fl-iżvilupp ta’ programmi ta’ prevenzjoni tal-ogħla livell. Barra minn hekk, billi jikkoopera mal-Istati Membri u jikkontribwixxi għall-istandardizzazzjoni tal-ġbir tad-data dwar l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-Unjoni kollha, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jkun ta’ vantaġġ fl-appoġġ ta’ politika bbażata fuq l-evidenza kemm dwar il-prevenzjoni kif ukoll dwar l-assistenza lill-vittmi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti kif iqisu l-aktar xieraq skont l-organizzazzjoni interna tagħhom, filwaqt li jqisu l-ħtieġa għal struttura minima b’kompiti identifikati, li tkun kapaċi twettaq valutazzjonijiet tax-xejriet fl-abbuż sesswali tat-tfal, tiġbor

punt ta’ kuntatt nazzjonali u jenħtieġ li jieħdu approċċ integrattiv b’diversi partijiet ikkonċernati fil-ħidma tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta’ miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fost l-atturi pubbliċi u privati rilevanti kollha, kif ukoll għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni.	statistika, tkejjel ir-riżultati ta’ azzjonijiet għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u tirrapporta regolarment dwar tali xejriet, statistika u riżultati. Tali awtoritajiet nazzjonali jenħtieġ li jservu bħala punt ta’ kuntatt nazzjonali u jenħtieġ li jieħdu approċċ integrattiv b’diversi partijiet ikkonċernati fil-ħidma tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa fil-livell nazzjonali biex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta’ miżuri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fost l-atturi pubbliċi u privati rilevanti kollha, kif ukoll għall-iffaċilitar tal-kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni. ***Peress li ċ-Ċentru tal-UE huwa stabbilit bir-Regolament [../../UE li jistabbilixxi regoli li jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-abbuż sesswali tat-tfal], id-dispożizzjonijiet kollha ta’ din id-Direttiva li jirreferu għalih jenħtieġ li japplikaw mid-data ta’ dħul fis-seħħ ta’ dak ir-Regolament.***
[16] COM (2022) 209, 11.5.2022.	[16] COM (2022) 209, 11.5.2022.

Emenda 28
Proposta għal direttiva
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu azzjoni għall-prevenzjoni	(42) Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu azzjoni għall-prevenzjoni

u l-projbizzjoni ta’ atti relatati mal-promozzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***u t-turiżmu*** . Jistgħu jiġu kkunsidrati miżuri differenti ta’ prevenzjoni bħat-tfassil u r-rinfurzar ta’ kodiċi ta’ kondotta u mekkaniżmi awtoregolatorji fl-industrija tat-turiżmu, l-istabbiliment ta’ kodiċi ta’ etika jew “tikketti ta’ kwalità” jew it-twaqqif ta’ politika espliċita għal organizzazzjonijiet tat-turisti li jiġġieldu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***u t-turiżmu*** . Jenħtieġ li l-Istati Membri jisfruttaw l-għodod għad-dispożizzjoni tagħhom skont id-dritt tal-UE, il-liġi nazzjonali, u ftehimiet internazzjonali, għall-fini tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***u t-turiżmu*** mit-territorju tagħhom jew lejh, b’mod partikolari billi jieħdu azzjoni xierqa malli jirċievu informazzjoni rilevanti minn pajjiżi terzi, inkluż it-twettiq ta’ aktar kontrolli jew il-ħruġ ta’ rifjut ta’ dħul fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2018/1861 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta’ Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri[17].

u l-projbizzjoni ta’ atti relatati mal-promozzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***jew fit-turiżmu***. Jistgħu jiġu kkunsidrati miżuri differenti ta’ prevenzjoni bħat-tfassil u r-rinfurzar ta’ kodiċi ta’ kondotta u mekkaniżmi awtoregolatorji fl-industrija tat-turiżmu, l-istabbiliment ta’ kodiċi ta’ etika jew “tikketti ta’ kwalità” jew it-twaqqif ta’ politika espliċita għal organizzazzjonijiet tat-turisti li jiġġieldu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***jew fit-turiżmu***. Jenħtieġ li l-Istati Membri jisfruttaw l-għodod għad-dispożizzjoni tagħhom skont id-dritt tal-UE, il-liġi nazzjonali, u ftehimiet internazzjonali, għall-fini tal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar ***jew fit-turiżmu*** mit-territorju tagħhom jew lejh, b’mod partikolari billi jieħdu azzjoni xierqa malli jirċievu informazzjoni rilevanti minn pajjiżi terzi, inkluż it-twettiq ta’ aktar kontrolli jew il-ħruġ ta’ rifjut ta’ dħul fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2018/1861 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu ta’ Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri[17].

---

[17] Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE)

[17] Ir-Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE)

Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1861/oj.	Nru 1987/2006 (ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1861/oj.

Emenda 29
Proposta għal direttiva
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew isaħħu l-linji politiċi biex jipprevjenu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament sesswali tat-tfal u miżuri biex ***jiġi ridott ir-riskju*** ta' tfal li jaqgħu vittmi, permezz ta' ***tagħrif u kampanji*** ta' ***tqajjim tal-kuxjenza***, inkluż għall-ġenituri ***u għall-persuni*** li jindukraw u s-soċjetà inġenerali, u programmi ta' riċerka u ta' tagħlim. F'tali inizjattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni ***li jkun*** żgurat li l-kampanji ta' ***tqajjim tal-kuxjenza*** mmirati lejn it-tfal ikunu xierqa u faċli biżżejjed li jinftiehmu , u mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' tfal ta' gruppi ta' età differenti, inklużi tfal tal-età ta' qabel l-iskola. Il-miżuri ta' prevenzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku għall-fenomenu tal-abbuż sesswali ***tat-tfal*** u l-isfruttament sesswali, billi jindirizzaw id-dimensjonijiet online u offline tiegħu u jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. B'mod partikolari għad-dimensjoni online, il-miżuri	(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu jew isaħħu l-linji politiċi biex jipprevjenu l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal inklużi miżuri biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu t-talba li twassal għal kull forma ta' sfruttament sesswali tat-tfal u miżuri biex ***inaqqsu r-riskju*** ta' tfal li jaqgħu vittmi, permezz ta' ***kampanja ta' sensibilizzazzjoni u*** ta' ***informazzjoni***, inkluż għall-ġenituri***, il-voluntiera, il-persuni*** li jindukraw***, l-għalliema, l-edukaturi, il-professjonisti għall-protezzjoni tat-tfal, il-professjonisti li jaħdmu fil-qasam soċjali u tal-foster care, il-ħarrieġa, il-coaches, il-professjonisti legali, l-imħallfin tal-qorti tal-familja, il-pulizija li jaħdmu f'dan il-qasam, il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, il-mexxejja tal-komunità reliġjuża*** u s-soċjetà inġenerali, u programmi ta' riċerka u ta' tagħlim ***inkluż dwar l-edukazzjoni sesswali***. F'tali inizjattivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tat-tfal. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni ***biex jiġi*** żgurat li l-kampanji ta' ***sensibilizzazzjoni*** mmirati lejn it-tfal ikunu xierqa u faċli biżżejjed li jinftiehmu, u mfassla

jenħtieġ li jinkludu l-iżvilupp ta’ ħiliet ta’ litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali, biex jgħin lill-utenti jidentifikaw u jindirizzaw tentattivi ta’ abbuż sesswali tat-tfal online, ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tiegħu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jiġu kkurati f’faċilità ta’ grupp aktar milli fil-kuntest ta’ kura f’familja . Fejn mhumiex diġà fis-seħħ, it-twaqqif ta’ helplines jew hotlines apposta jenħtieġ li jiġu kkunsidrat.

għall-ħtiġijiet speċifiċi ta’ tfal ta’ gruppi ta’ età differenti, inklużi tfal tal-età ta’ qabel l-iskola ***u tfal li huma partikolarment vulnerabbli, inklużi tfal b’diżabbiltajiet mentali, intellettwali, tas-sensi jew fiżiċi, tfal f’kuntesti ta’ migrazzjoni, kemm jekk mhux akkumpanjati kif ukoll jekk akkumpanjati, jew tfal li ma jikkonformawx ma’ normi konvenzjonali relatati mal-orjentazzjoni sesswali, l-identità u l-espressjoni tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess***. Il-miżuri ta’ prevenzjoni jenħtieġ li jieħdu approċċ olistiku għall-fenomenu tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali ***tat-tfal***, billi jindirizzaw id-dimensjonijiet online u offline tiegħu u jimmobilizzaw il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. B’mod partikolari għad-dimensjoni online, il-miżuri jenħtieġ li jinkludu l-iżvilupp ta’ ħiliet ta’ litteriżmu diġitali, inkluż l-involviment kritiku mad-dinja diġitali, biex jgħin lill-utenti jidentifikaw u jindirizzaw tentattivi ta’ abbuż sesswali tat-tfal online, ifittxu appoġġ u jipprevjenu t-twettiq tiegħu. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u l-isfruttament sesswali tat-tfal li jiġu kkurati f’faċilità ta’ grupp aktar milli fil-kuntest ta’ kura f’familja. Fejn mhumiex diġà fis-seħħ, it-twaqqif ta’ helplines jew hotlines apposta jenħtieġ li jiġu kkunsidrat. ***Jenħtieġ li t-tfal ikunu jistgħu jiksbu informazzjoni u pariri dwar ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 8b permezz ta’ dawn il-mezzi.***

Emenda 30
Proposta għal direttiva
Premessa 43a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43a)Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jinvestigaw mingħajr dewmien żejjed it-tentattivi ta' sollečitazzjoni tat-tfal għal skopijiet sesswali u li t-tfal vittmi ta' tali tentattivi ta' sollečitazzjoni jiġu riferuti b'mod effettiv lis-servizzi ta' appoġġ rilevanti għall-għajnuna u l-protezzjoni.

Emenda 31
Proposta għal direttiva
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) L-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, bħall-membri tan-network tal-hotlines INHOPE, ilhom attivi għal snin sħaħ f'diversi Stati Membri, filwaqt li kkooperaw mal-infurzar tal-liġi u mal-fornituri biex jiffaċilitaw il-proċess tat-tneħħija u r-rapportar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Din il-ħidma tiġġieled ir-rivittimizzazzjoni billi tillimita t-tixrid ta' materjal illegali online, u tista' tipprovdi evidenza għall-infurzar tal-liġi ta' reati mwettqa. Madankollu, il-qafas legali li fih joperaw ivarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor u, f'ħafna każijiet, huwa nieqes f'termini	***imħassar***

tal-identifikazzjoni tal-kompiti li dawn l-organizzazzjonijiet jistgħu jwettqu legalment, kif ukoll tal-kundizzjonijiet rilevanti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jipprovdu awtorizzazzjoni għal dawn l-organizzazzjonijiet biex iwettqu l-kompiti rilevanti, u b'mod partikolari l-ipproċessar ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, f'liema każ l-ipproċessar jenħtieġ li ma jitqiesx bħala "mingħajr dritt". Tali awtorizzazzjonijiet huma mħeġġa peress li jżidu ċ-ċertezza legali, jimmassimizzaw is-sinerġiji bejn l-awtoritajiet nazzjonali u atturi oħra involuti fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, u jappoġġaw id-drittijiet tal-vittmi billi jneħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal mill-isfera diġitali pubblika.

Emenda 32
Proposta għal direttiva
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Fejn ikun meħtieġ minħabba l-perikolu kkawżat mit-trasgressuri u r-riskji possibbli ta' repetizzjoni, jenħtieġ li t-trasgressuri kkundannati temporanjament jew permanentement jiġu impediti milli jwettqu mill-inqas attivitajiet professjonali li jinvolvu kuntatt dirett u regolari mat-tfal jew f'organizzazzjonijiet li jaħdmu għat-tfal jew organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal . Il-persuni li	(50) Fejn ikun meħtieġ minħabba l-perikolu kkawżat mit-trasgressuri u r-riskji possibbli ta' repetizzjoni, jenħtieġ li t-trasgressuri kkundannati temporanjament jew permanentement jiġu impediti milli jwettqu mill-inqas attivitajiet professjonali ***u volontarji*** li jinvolvu kuntatt dirett u regolari mat-tfal jew f'organizzazzjonijiet li jaħdmu għat-tfal jew organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal. Il-

jħaddmu jenħtieġ li jitolbu informazzjoni , meta jirreklutaw għal post li jinvolvi kuntatti diretti u regolari mat-tfal, dwar kundanni eżistenti għal reati sesswali kontra t-tfal imdaħħla fir-rekord kriminali, jew dwar skwalifiki eżistenti. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "impjegati" jenħtieġ li jkopri wkoll persuni li jkunu qed jiġġestixxu organizzazzjonijiet li jkunu attivi fix-xogħol volontier marbut mas-superviżjoni jew il-kura tat-tfal li tkun tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal , inklużi ambjenti komunitarji bħal skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura soċjali, klabbijiet sportivi jew komunitajiet reliġjużi . Il-mod kif titwassal l-informazzjoni, bħal pereżempju l-aċċess permezz tal-persuna kkonċernata u l-kontenut eżatt tal-informazzjoni, it-tifsira tal-attivitajiet volontarji organizzati u l-kuntatt dirett u regolari mat-tfal jenħtieġ li jkunu stabbiliti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li l-informazzjoni trażmessa minn awtorità kompetenti waħda għal oħra mill-inqas ikun fiha r-rekords rilevanti kollha maħżuna minn kwalunkwe Stat Membru fir-reġistri tar-rekords kriminali nazzjonali tagħhom, u r-rekords rilevanti kollha li jistgħu jinkisbu faċilment minn pajjiżi terzi, bħal informazzjoni li tista' tinkiseb mir-Renju Unit permezz tal-kanal stabbilit f'konformità mat-Titolu IX tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[19].

persuni li jħaddmu jenħtieġ li jitolbu informazzjoni, meta jirreklutaw għal post li jinvolvi kuntatti diretti u regolari mat-tfal, dwar kundanni eżistenti għal reati sesswali kontra t-tfal imdaħħla fir-rekord kriminali, jew dwar skwalifiki eżistenti. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, it-terminu "impjegati" jenħtieġ li jkopri wkoll persuni li jkunu qed jiġġestixxu organizzazzjonijiet li jkunu attivi fix-xogħol volontier marbut mas-superviżjoni jew il-kura tat-tfal li tkun tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal , inklużi ambjenti komunitarji bħal skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura soċjali, klabbijiet sportivi jew komunitajiet reliġjużi. Il-mod kif titwassal l-informazzjoni, bħal pereżempju l-aċċess permezz tal-persuna kkonċernata u l-kontenut eżatt tal-informazzjoni, it-tifsira tal-attivitajiet volontarji organizzati u l-kuntatt dirett u regolari mat-tfal jenħtieġ li jkunu stabbiliti f'konformità mal-liġi nazzjonali. Madankollu, jenħtieġ li l-informazzjoni trażmessa minn awtorità kompetenti waħda għal oħra mill-inqas ikun fiha r-rekords rilevanti kollha maħżuna minn kwalunkwe Stat Membru fir-reġistri tar-rekords kriminali nazzjonali tagħhom, u r-rekords rilevanti kollha li jistgħu jinkisbu faċilment minn pajjiżi terzi, bħal informazzjoni li tista' tinkiseb mir-Renju Unit permezz tal-kanal stabbilit f'konformità mat-Titolu IX tal-Parti Tlieta tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[19].

[19] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/ojhttp://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

[19] ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/ojhttp://data.europa.eu/eli/agree_internation/2021/689(1)/oj.

Emenda 33
Proposta għal direttiva
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Għall-informazzjoni mhux disponibbli jew li għadha mhijiex disponibbli ***fl-ECRIS***, pereżempju informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu wettqu reat sakemm jiġi implimentat bis-sħiħ ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu minn kanali oħra biex jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-impjegaturi li jirreklutaw għal kariga li tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal. L-objettiv ta' din id-Direttiva mhuwiex li jkunu armonizzati r-regoli li jikkonċernaw il-kunsens tal-persuna kkonċernata meta jkun hemm skambju ta' informazzjoni mir-reġistri kriminali, jiġifieri jekk ikunx rikjest tali kunsens jew le. Irrispettivament minn jekk tali kunsens ikunx rikjest jew le skont il-liġi nazzjonali, din id-Direttiva ma ***tistabbilixxix*** obbligi ġodda għal tibdil fil-liġi nazzjonali u fil-proċeduri nazzjonali f'dan is-sens.	(52) Għall-informazzjoni mhux disponibbli jew li għadha mhijiex disponibbli ***fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali (ECRIS)***, pereżempju informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu wettqu reat sakemm jiġi implimentat bis-sħiħ ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20], jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu użu minn kanali oħra biex jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-impjegaturi li jirreklutaw għal kariga li tinvolvi kuntatt dirett u regolari mat-tfal. L-objettiv ta' din id-Direttiva mhuwiex li jkunu armonizzati r-regoli li jikkonċernaw il-kunsens tal-persuna kkonċernata meta jkun hemm skambju ta' informazzjoni mir-reġistri kriminali, jiġifieri jekk ikunx rikjest tali kunsens jew le. Irrispettivament minn jekk tali kunsens ikunx rikjest jew le skont il-liġi nazzjonali, din id-Direttiva ma ***tistabbilix*** obbligi ġodda għal tibdil fil-liġi nazzjonali u fil-proċeduri nazzjonali f'dan is-sens.

[20] Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata

[20] Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata

għall-identifikazzjoni ta’ Stati Membri fil-pussess ta’ informazzjoni dwar kundanni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/816/oj.	għall-identifikazzjoni ta’ Stati Membri fil-pussess ta’ informazzjoni dwar kundanni ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta’ Informazzjoni ta’ Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/816/oj.

Emenda 34
Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta’ reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal u solleċitazzjoni tat-tfal għal ***finijiet*** sesswali. Hija wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet komuni biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta’ dawk ir-reati kriminali u l-protezzjoni tal-vittmi tagħhom.	Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi rigward id-definizzjoni ta’ reati kriminali u sanzjonijiet fil-qasam tal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, il-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal u solleċitazzjoni tat-tfal għal ***skopijiet*** sesswali***, inkluż jekk imwettqa permezz ta’ teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni***. Hija wkoll tintroduċi dispożizzjonijiet komuni biex issaħħaħ il-prevenzjoni ta’ dawk ir-reati kriminali u l-protezzjoni tal-vittmi tagħhom.

Emenda 35
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2 a) “kunsens” tfisser kwalunkwe indikazzjoni ta’ qbil għal attività sesswali mogħtija b’mod volontarju u ċar, u b’mod infurmat u mhux

	ambigwu, minn tfal li jaqbżu l-età ta' kunsens sesswali, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tat-tfal, ivvalutata b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi u l-kuntest.

Emenda 36
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) kwalunkwe materjal li ***viżwalment*** juri tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata;	(a) kwalunkwe materjal li juri tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata;

Emenda 37
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***rappreżentazzjoni tal-organi sesswali ta' tfal*** għal ***finijiet*** primarjament sesswali;	(b) ***kwalunkwe rappreżentanza, bi kwalunkwe mezz, tal-partijiet intimi tat-tfal*** għal ***skopijiet*** primarjament sesswali;

Emenda 38
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) kwalunkwe materjal li ***viżwalment*** juri kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni ***tal-organi sesswali*** ta' kwalunkwe persuna li tidher tfal, għal ***finijiet***	(c) kwalunkwe materjal li juri kwalunkwe persuna li tidher li hija tfal li tkun qed tieħu sehem f'imġiba sesswalment espliċita, reali jew simulata, jew kwalunkwe rappreżentazzjoni ***tal-partijiet intimi*** ta' kwalunkwe persuna li tidher ***li hija*** tfal, għal ***skopijiet*** primarjament sesswali;

primarjament sesswali;

Emenda 39
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***stampi***, ***riproduzzjonijiet*** jew ***rappreżentanzi*** realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew ***tal-organi sesswali*** ta' tfal, għal ***finijiet*** primarjament sesswali;	(d) ***kwalunkwe stampa, psewdoritratti***, ***riproduzzjoni*** jew ***rappreżentazzjoni*** realistiċi ta' tfal li jkunu qed jieħdu sehem f'imġiba sesswalment espliċita jew ***tal-partijiet intimi*** ta' tfal, għal ***skopijiet*** primarjament sesswali***, irrispettivament mill-mod ta' kif inħolqu jew ġew immanipulati, inkluż bl-użu ta' intelliġenza artifiċjali, teknoloġiji deepfake, jew ambjenti ta' realtà awmentata, estiża jew virtwali***;

Emenda 40
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif ***jista'*** jitwettaq ***abbuż sesswali jew sfruttament sesswali tat-tfal jew solleċitazzjoni tat-tfal***;	(e) kwalunkwe materjal, irrispettivament mill-forma tiegħu, maħsub biex jipprovdi pariri, gwida jew struzzjonijiet dwar kif jitwettaq ***kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 8b, inkluż kwalunkwe struzzjoni dwar is-sistemi tal-intelliġenza artifiċjali***;

Emenda 41
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) ***" sfruttament*** tat-tfal fil-prostituzzjoni " tfisser l-użu ta'	(4) ***"sfruttament*** tat-tfal fil-prostituzzjoni " tfisser l-użu ta'

tfal għal attivitajiet sesswali fejn il-flus jew kwalunkwe forma oħra ta’ rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni tingħata jew tiġi mwiegħda bħala ħlas sabiex it-tfal jieħdu sehem f’attivitajiet sesswali, irrispettivament minn jekk dak il-ħlas, il-wegħda jew il-konsiderazzjoni ssirx lit-tfal jew lil parti terza;	tfal għal attivitajiet sesswali fejn il-flus jew kwalunkwe forma oħra ta’ rimunerazzjoni***, gwadann, vantaġġ, benefiċċju*** jew konsiderazzjoni tingħata jew tiġi mwiegħda bħala ħlas sabiex it-tfal jieħdu sehem f’attivitajiet sesswali, irrispettivament minn jekk dak il-ħlas, il-wegħda***, il-gwadann, il-vantaġġ, il-benefiċċju*** jew il-konsiderazzjoni ssirx lit-tfal jew lil parti terza;

Emenda 42
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) “prestazzjoni ta’ abbuż sesswali ***tat-tfal ”*** tfisser l-esibizzjoni diretta ***,*** immirata għal udjenza, anke permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta’:	(5) “prestazzjoni ta’ abbuż sesswali ***tat-tfal”*** tfisser l-esibizzjoni diretta immirata għal udjenza ***ta’ persuna waħda jew aktar***, anke permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ta’:

Emenda 43
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ta’ tfal li jkunu qed jieħdu sehem f’imġiba sesswalment ***espliċita***, reali jew ***simulata***; jew	(a) ta’ tfal li jkunu qed jieħdu sehem ***f’att jew*** f’imġiba sesswalment ***espliċiti***, reali jew ***simulati***; jew

Emenda 44
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***tal-organi sesswali*** ta’ tfal għal ***finijiet*** primarjament	(b) ***tal-partijiet intimi*** ta’ tfal għal ***skopijiet*** primarjament

sesswali;	sesswali;

Emenda 45
Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) “pari” tfisser persuni li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta’ żvilupp ***jew*** maturità psikoloġika u fiżika.	(8) “pari” tfisser persuni li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta’ żvilupp ***u*** maturità psikoloġika u fiżika.

Emenda 46
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reati li jikkonċernaw abbuż sesswali	Reati li jikkonċernaw abbuż sesswali ***tat-tfal***

Emenda 47
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2 sa 8 tkun punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba ***intenzjonali*** msemmija fil-paragrafi 2 sa 8 tkun punibbli.

Emenda 48
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-imġiba li, għal ***finijiet*** sesswali, iġġiegħel lil tfal, li ma jkunux laħqu l-età ta’ kunsens sesswali, li jaraw attivitajiet sesswali, anki jekk dawn ma jiġux	2. L-imġiba li, għal ***skopijiet*** sesswali, iġġiegħel lil tfal, li ma jkunux laħqu l-età ta’ kunsens sesswali, ***jew lil tfal*** li ***jkunu qabżu l-età ta’ kunsens***

imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sena priġunerija.	***sesswali u ma jagħtux il-kunsens,*** jaraw attivitajiet sesswali***, inkluż billi tesponi lit-tfal għall-kontenut pornografiku***, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sena priġunerija.

Emenda 186

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. It-tixrid ta' kontenut pornografiku online, mingħajr ma jiġu stabbiliti għodod robusti u effettivi għall-verifika tal-età biex it-tfal jiġu evitati b'mod effettiv milli jaċċessaw kontenut pornografiku online, għandu jkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas sena (1).

Emenda 49
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-imġiba li, għal ***finijiet*** sesswali, iġġiegħel lil tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali li jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.	3. L-imġiba li, għal ***skopijiet*** sesswali, iġġiegħel lil tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali***, jew lil tfal li jkunu qabżu l-età ta' kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens,*** jaraw abbuż sesswali, anki jekk dawn ma jiġux imġiegħla jipparteċipaw, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sentejn priġunerija.

Emenda 50
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra ***għandha tkun*** punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8*** snin priġunerija.	4. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' tfal li ma jkunux laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew l-imġiba li ġġiegħel lil tfal jipparteċipaw f'attivitajiet sesswali ma' persuna oħra ***jew magħhom infushom għandhom ikunu*** punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10*** snin priġunerija. ***It-tipi ta' mġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 10 snin priġunerija meta t-tfal ikunu qabżu l-età ta' kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens.***

Emenda 51
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas 6 snin*** priġunerija***, jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***; or	(a) isir abbuż minn pożizzjoni rikonoxxuta ta' fiduċja, awtorità jew influwenza fuq it-tfal***,*** għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija; or

Emenda 52
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 6 snin*** priġunerija ***jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***; or	(b) isir abbuż minn sitwazzjoni partikolarment vulnerabbli tat-tfal, b'mod partikolari minħabba diżabbiltà mentali***, intellettwali, tas-sensi*** jew fiżika jew sitwazzjoni ta' dipendenza, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija; or

Emenda 53
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) isir użu minn ġegħil, forza jew theddid, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12***-il sena priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 7 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.***	(c) isir użu minn ġegħil, forza***, vjolenza fiżika jew psikoloġika, rikatt*** jew theddid ***ieħor***, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***14***-il sena priġunerija***;***

Emenda 54
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12***-il sena priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 7 snin priġunerija***	6. L-imġiba li b'ġegħil, forza jew theddid iddaħħal tfal f'attivitajiet sesswali ma' parti terza ***jew magħhom infushom*** għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***14***-il sena priġunerija.

jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

Emenda 55
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-imġiba intenzjonali li ġejja għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12***-il sena priġunerija:	7. L-imġiba intenzjonali li ġejja għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***16***-il sena priġunerija:

Emenda 56
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 7 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b a) l-imġiba li ġġiegħel lit-tfal taħt l-età ta' kunsens sesswali jipparteċipaw fi kwalunkwe att ta' penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali ta' natura sesswali, bi kwalunkwe parti tal-ġisem jew b'oġġett.

Emenda 57
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. ***Jekk it-tfal ikunu qabżu l-età tal-kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens għall-att, l-imġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandha tkun punibbli b'piena massima*** ta' ***mill-inqas***	8. ***It-tipi ta' mġiba msemmija fil-paragrafu 7 għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 16-il sena priġunerija meta t-tfal ikunu qabżu l-età*** ta'

10 snin priġunerija.	***kunsens sesswali u ma jagħtux il-kunsens***.

Emenda 58
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Għall-finijiet ***tal-paragrafu*** 8, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:	9. Għall-finijiet ***tal-paragrafi 2, 3, 4 u*** 8, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

Emenda 59
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal ***mogħti volontarjament, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tal-minuri vvalutata b'kunsiderazzjoni tas-sitwazzjoni u l-kuntest,*** jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, intossikazzjoni, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard jew korriment fuq il-persuna;	(a) att mhux kunsenswali huwa mifhum bħala att li jitwettaq mingħajr il-kunsens tat-tfal jew meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 5, jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal bħal stat ta' telf mis-sensi, ***irqad,*** intossikazzjoni***, sorpriza***, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard jew korriment fuq il-persuna;

Emenda 60
Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 9 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) in-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat	(c) in-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat mis-skiet tat-

esklussivament mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas ta’ reżistenza verbali jew fiżika jew minn ***imġiba sesswali*** passata.	tfal, min-nuqqas ta’ reżistenza verbali jew fiżika***, minn imġiba sesswali passata jew preżenti*** jew minn ***kwalunkwe relazzjoni*** passata ***jew preżenti ma’ trasgressur***.

Emenda 61
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Reati li jikkonċernaw sfruttament sesswali	Reati li jikkonċernaw sfruttament sesswali ***tat-tfal***

Emenda 62
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonali msemmija fil-paragrafi 2 sa 7 tkun punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-imġiba intenzjonali msemmija fil-paragrafi 2 sa 7***a*** tkun punibbli.

Emenda 63
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw f’wirjiet ta’ abbuż sesswali tat-tfal , jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b’xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas ***5*** snin priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta’ kunsens sesswali, u ta’ mill-inqas sentejn priġunerija***	2. L-imġiba li twassal jew tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw f’wirjiet ta’ abbuż sesswali tat-tfal, jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b’xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas ***6*** snin priġunerija.

jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.

Emenda 64
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal , jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas 5*** snin priġunerija ***jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	3. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal biex jipparteċipaw f'wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***9*** snin priġunerija.

Emenda 65
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-attendenza konxja għal wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***sentejn priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, u ta' mill-inqas sena*** priġunerija ***jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.	4. L-attendenza konxja għal wirjiet ta' abbuż sesswali tat-tfal li jinvolvu l-parteċipazzjoni ta' tfal għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***3 snin*** priġunerija.

Emenda 66
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-imġiba li twassal jew	5. L-imġiba li twassal jew

tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw fl-isfruttament fil-prostituzzjoni , jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b'xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali, jew ta' mill-inqas 5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.***	tirrekluta lil tfal biex jipparteċipaw fl-isfruttament fil-prostituzzjoni, jew li tagħmel qligħ minn jew li tisfrutta b'xi mod ieħor lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena.***

Emenda 67
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal fi sfruttament permezz tal-prostituzzjoni , jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***10 snin*** priġunerija ***jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta' kunsens sesswali u ta' mill-inqas 5 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età.***	6. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal fi sfruttament permezz tal-prostituzzjoni, jew li thedded lil tfal għal dawn il-finijiet, għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***14-il sena*** priġunerija***.***

Emenda 68
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali mat-tfal, fejn ***isir rikors*** għall-isfruttament permezz tal-prostituzzjoni għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***8 snin priġunerija jekk it-tfal ikunu għadhom ma laħqux l-età ta'***	7. Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali mat-tfal, fejn ***wieħed jirrikorri*** għall-isfruttament permezz tal-prostituzzjoni***,*** għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***12-il sena*** priġunerija.

kunsens sesswali u ta' mill-inqas 4 snin priġunerija ***jekk it-tfal ikunu qabżu dik l-età***.

Emenda 69
Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7 a. L-imġiba li ġġiegħel jew tisforza lil tfal jikkondividu materjal li juri partijiet intimi tat-tfal mingħajr il-kunsens ta' dawk it-tfal sabiex jinkisbu flus, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew kwalunkwe benefiċċju ieħor għandha tkun punibbli b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.

Emenda 70
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-akkwist jew il-pussess ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***sena*** priġunerija.	2. L-akkwist jew il-pussess ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal***, inkluż il-pussess tal-materjal imsemmi fl-Artikolu 2, il-punt (3)(9), għall-użu privat,*** għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas ***sentejn*** priġunerija. ***L-akkwist jew il-pussess ta' sistemi tal-intelliġenza artifiċjali mfassla jew adattati primarjament għall-fini li jippermettu l-ħolqien ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b'piena massima ta' mill-inqas sena priġunerija.***

Emenda 71
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-akkwist konxju ta’ aċċess, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għall-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandu jkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas ***sena*** priġunerija.	3. L-akkwist konxju ta’ aċċess, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, għall-materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandu jkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas ***sentejn*** priġunerija.

Emenda 72
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Id-distribuzzjoni, it-tixrid jew it-trażmissjoni ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas ***sentejn*** priġunerija.	4. Id-distribuzzjoni, it-tixrid jew it-trażmissjoni ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas ***4 snin*** priġunerija. ***Id-distribuzzjoni, it-tixrid jew it-trażmissjoni ta’ sistemi tal-intelliġenza artifiċjali mfassla jew adattati primarjament għall-fini li jippermettu l-ħolqien ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas sentejn priġunerija.***

Emenda 73
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-offerta, il-forniment jew l-imġiba li tagħmel disponibbli l-materjal ta’ abbuż sesswali tat-	5. L-offerta, il-forniment jew l-imġiba li tagħmel disponibbli l-materjal ta’ abbuż sesswali tat-

tfal għandhom ikunu punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas ***sentejn*** priġunerija.	tfal għandhom ikunu punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas ***4 snin*** priġunerija.

Emenda 74
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-produzzjoni ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandha tkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas ***3*** snin priġunerija.	6. Il-produzzjoni ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal***, inkluża l-produzzjoni ta’ materjal imsemmi fl-Artikolu 2, il-punt (3)(d), għall-użu privat,*** għandha tkun punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas ***8*** snin priġunerija. ***Il-ħolqien jew l-adattament ta’ sistemi tal-intelliġenza artifiċjali mfassla jew adattati primarjament għall-fini li jippermettu l-ħolqien ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal għandhom ikunu punibbli b’piena massima ta’ mill-inqas 3 snin priġunerija.***

Emenda 75
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 ma ***għandhiex titqies*** li ***tkun twettqet*** mingħajr dritt b’mod partikolari meta ***titwettaq*** minn, jew f’isem u taħt ir-responsabbiltà ta’***,*** organizzazzjoni stabbilita fi Stat Membru li taġixxi fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li tkun ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti ta’ dak l-Istat Membru meta tali	Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-imġiba msemmija fil-paragrafi 2, 3 u ***t-trażmissjoni kif imsemmija fil-paragrafu*** 4 ma ***għandhomx jitqiesu*** li ***jkunu twettqu*** mingħajr dritt b’mod partikolari meta ***jitwettqu*** minn, jew f’isem u taħt ir-responsabbiltà ta’ organizzazzjoni ***bħal hotline*** stabbilita fi Stat Membru li taġixxi fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal li tkun ġiet awtorizzata mill-awtoritajiet

azzjonijiet ikunu twettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'tali awtorizzazzjoni.	kompetenti ta' dak l-Istat Membru meta tali azzjonijiet ikunu twettqu f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'tali awtorizzazzjoni.

Emenda 76
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawn il-kundizzjonijiet ***jistgħu*** jinkludu r-rekwiżit li l-organizzazzjonijiet li jirċievu tali awtorizzazzjonijiet ikollhom l-għarfien espert u l-indipendenza meħtieġa, li jkun hemm mekkaniżmi xierqa ta' rapportar u ta' sorveljanza biex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet jaġixxu malajr, b'diliġenza, u fl-interess pubbliku, u li l-organizzazzjonijiet jagħmlu użu minn kanali siguri ta' komunikazzjoni biex iwettqu l-azzjonijiet koperti mill-awtorizzazzjoni.	Dawn il-kundizzjonijiet ***għandhom*** jinkludu r-rekwiżit li l-organizzazzjonijiet li jirċievu tali awtorizzazzjonijiet ikollhom l-għarfien espert u l-indipendenza meħtieġa, li jkun hemm mekkaniżmi xierqa ta' rapportar u ta' sorveljanza biex jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet jaġixxu malajr, b'diliġenza, u fl-interess pubbliku, u li l-organizzazzjonijiet jagħmlu użu minn kanali siguri ta' komunikazzjoni biex iwettqu l-azzjonijiet koperti mill-awtorizzazzjoni.

Emenda 77
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 8 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet għal organizzazzjoni*** li ***taġixxi*** fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal imsemmija fil-paragrafu 7 ***jippermettu*** li ***xi wħud mill-attivitajiet li ġejjin jew*** l-attivitajiet kollha li ġejjin:	8. L-Istati Membri għandhom ***jipprovdu qafas legali għall-organizzazzjonijiet*** li ***jaġixxu*** fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal imsemmija fil-paragrafu 7 ***u jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet*** li ***jirċievu organizzazzjonijiet bħal dawn mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, jippermettu*** l-attivitajiet kollha li ġejjin:

Emenda 78
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 8 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
a. ***li*** jirċievu u janalizzaw rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal, sottomessi lilhom minn vittmi, utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;	a. jirċievu u janalizzaw rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal, sottomessi lilhom minn vittmi, utenti online jew organizzazzjonijiet oħra li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal;

Emenda 79
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 8 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
b. ***li*** jinnotifikaw minnufih lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi rilevanti tal-Istat Membru fejn il-materjal ikun ospitat b'kontenut illegali rrapportat;	b. jinnotifikaw minnufih lill-awtorità tal-infurzar tal-liġi rilevanti tal-Istat Membru fejn il-materjal ikun ospitat b'kontenut illegali rrapportat;

Emenda 80
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 8 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
c. ***li*** jikkollaboraw ma' organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u jkunu awtorizzati li jirċievu rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal f'konformità mal-punt (a) fl-Istat Membru jew fil-pajjiż terz fejn ikun ospitat il-materjal	c. jikkollaboraw ma' organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u jkunu awtorizzati li jirċievu rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal f'konformità mal-punt (a) fl-Istat Membru jew fil-pajjiż terz fejn ikun ospitat il-materjal

Emenda 81
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 8 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
d. ***li jwettqu*** tfittxijiet fuq materjal aċċessibbli għall-pubbliku fuq servizzi ta' hosting biex jidentifikaw it-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, billi jużaw ir-rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-ittra (a) jew fuq talba ta' vittma.	d. ***iwettqu*** tfittxijiet fuq materjal aċċessibbli għall-pubbliku fuq servizzi ta' hosting biex jidentifikaw it-tixrid ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, billi jużaw ir-rapporti ta' materjal suspettat ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-ittra (a) jew fuq talba ta' vittma.

Emenda 82
Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 8 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	da. jikkooperaw direttament mal-fornituri ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni stabbiliti fl-Istat Membru li fih huma stabbiliti l-organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, f'mekkaniżmi ta' avviż u azzjoni, inkluż it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għall-kontenut u fin-notifiki ta' suspetti ta' reati kriminali skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, b'awtorizzazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-infurzar tal-liġi.

Emenda 83
Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li xi ħadd jipproponi ,	(a) li xi ħadd jipproponi, ***inkluż***

permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa’ ma’ tfal online jew b’mod fiżiku , għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4) , (5), (6) u (7) u l-Artikolu 5(6), fejn dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li jwasslu għal tali laqgħa, għandha tkun punibbli b’piena ta’ mill-inqas sena priġunerija;	permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, biex jiltaqa’ ma’ tfal online jew b’mod fiżiku, għall-fini li jwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4), (5), (6) u (7)***, l-Artikolu 4*** u l-Artikolu 5(6), fejn dik il-proposta tkun ġiet segwita minn atti materjali li ***jistgħu*** jwasslu għal tali laqgħa, għandha tkun punibbli b’piena ta’ mill-inqas sena priġunerija; ***.***

Emenda 84
Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li kull tentattiv permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ***għall-kommissjoni tar-reati*** previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) minn adult li jissollečita tfal għall-għoti ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli b’terminu massimu ta’ priġunerija ta’ ***6 xhur*** .	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li kull tentattiv***, inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, ***li jitwettqu r-reati*** previsti fl-Artikolu 5(2) u (3) minn adult li jissollečita tfal għall-għoti ta’ materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal ikun punibbli b’terminu massimu ta’ priġunerija ta’ ***mill-inqas sena (1)***.

Emenda 85
Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b’terminu massimu ta’ priġunerija ta’ mill-inqas ***sena (1)*** meta jsir użu minn ġegħil, forza jew theddid.	L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b’terminu massimu ta’ priġunerija ta’ mill-inqas ***sentejn*** meta jsir użu minn ***imġiba ta’*** ġegħil, forza jew theddid.

Emenda 86
Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li kull tentattiv, permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex persuna twettaq ir-reati previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) minn adult li jġiegħel lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament ***permezz tal-prostituzzjoni*** huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***6 xhur***.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li kull tentattiv, ***inkluż*** permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, biex persuna twettaq ir-reati previsti fl-Artikolu 4(2) u (5) minn adult li jġiegħel lit-tfal jipparteċipaw fi prestazzjonijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal u sfruttament ***sesswali*** huwa punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***3 snin***.

Emenda 87
Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sena (1)*** meta jsir użu minn ġegħil, forza jew theddid.	L-imġiba msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas ***6 snin*** meta jsir użu minn ġegħil, forza jew theddid.

Emenda 88
Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Solleċitazzjoni ***ta'*** abbuż sesswali	Solleċitazzjoni ***biex jitwettaq*** abbuż ***jew sfruttament*** sesswali***, inkluż live streaming***

Emenda 89
Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta persuna twiegħed intenzjonalment jew tagħti flus lil kwalunkwe persuna, jew forma oħra ta' remunerazzjoni jew konsiderazzjoni, biex iġġegħelha twettaq kwalunkwe wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(4), (5), (6), (7), u (8), l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 5(6) tkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***3*** snin.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li meta persuna twiegħed intenzjonalment jew tagħti flus lil kwalunkwe persuna, jew forma oħra ta' remunerazzjoni jew konsiderazzjoni, biex iġġegħelha twettaq kwalunkwe wieħed mir-reati elenkati fl-Artikolu 3(4), (5), (6), (7), u (8), l-Artikolu 4(2) u (3) u l-Artikolu 5(6)***, inkluż live streaming,*** tkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***5*** snin.

Emenda 90
Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tħaddim jew l-amministrazzjoni intenzjonali ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun maħsub biex jiffaċilita jew jinkoraġġixxi t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 jkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***sena (1)***.	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li t-tħaddim jew l-amministrazzjoni intenzjonali ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni li jkun maħsub biex jiffaċilita jew jinkoraġġixxi t-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 7 jkun punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas ***10 snin***.

Emenda 91
Proposta għal direttiva
Artikolu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8a
	Vjaġġar għall-fini ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal

	Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-ivvjaġġar lejn pajjiż għajr dak l-Istat Membru għall-fini li jitwettaq, jew li jsir kontribut biex jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 8b ikun punibbli bħala reat kriminali meta jitwettaq intenzjonalment.

Emenda 92
Proposta għal direttiva
Artikolu 8b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 8b
	Reati oħra relatati mal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-reati relatati mal-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal, jinkludu l-atti intenzjonali li ġejjin: (a) it-tixrid ta' materjal li jirreklama l-opportunità li jitwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 8a; (b) l-estorsjoni bil-ħsieb li jitwettaq wieħed mir-reati elenkati fl-Artikoli 3 sa 8; u (c) it-tfassil jew l-użu ta' dokumenti amministrattivi foloz bil-ħsieb li jitwettaq wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 8a.

Emenda 93
Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-inċitament, l-għajnuna u l-faċilitazzjoni biex jitwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 8 ***jkunu*** punibbli.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-inċitament, l-għajnuna u l-faċilitazzjoni biex jitwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 8***b ikunu*** punibbli.

Emenda 94
Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4), (5) , (6), (7) u (8), l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7), l-Artikolu 5(4), (5) u (6) , l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8 ***jkun*** punibbli.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-tentattiv biex jitwettaq kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3(4), (5) , (6), (7) u (8), l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7), l-Artikolu 5(4), (5) u (6) , l-Artikolu 7 u l-Artikolu 8***b ikun*** punibbli.

Emenda 95
Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri*** li ***jiddeċiedu jekk l-Artikolu*** 3(2) u (***4***) ***japplikax*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, ***sa fejn l-atti ma kinux jinvolvu*** abbuż.	1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li***, fil-kuntest tal-Artikolu*** 3(2)***, (4)*** u (***7***)***, tiġi pprovduta eżenzjoni mill-kriminalizzazzjoni*** għal attivitajiet sesswali kunsenswali bejn il-pari, ***dment li ma jkun hemm l-ebda*** abbuż ***ta' fiduċja jew dipendenza bejn il-pari***.

Emenda 96
Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri*** li ***jiddeċiedu jekk l-Artikolu*** 4(4) ***japplikax*** għal prestazzjoni li ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari , sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni .	2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li***, fil-kuntest tal-Artikolu*** 4(4) ***tiġi pprovduta eżenzjoni mill-kriminalizzazzjoni*** għal prestazzjoni li ssir fil-kuntest ta' relazzjonijiet kunsenswali fejn it-tfal ikunu laħqu l-età ta' kunsens sesswali jew bejn il-pari, sa fejn l-atti ma jinvolvux xi abbuż jew sfruttament u l-ebda flus jew forom oħra ta' rimunerazzjoni jew konsiderazzjoni ma jingħataw bħala ħlas għall-prestazzjoni.

Emenda 97
Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri li ***jiddeċiedu jekk l-Artikolu*** 5(2), (3), (4) u (6) ***japplikawx*** għall-produzzjoni, l-akkwist jew il-pussess ta' ***materjal*** , jew l-aċċess ***għalih***, li jinvolvi ***esklussivament***:	***L-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li***, fil-kuntest tal-Artikolu*** 5(2), (3), (4) u (6)***, tiġi pprovduta eżenzjoni mill-kriminalizzazzjoni*** għall-produzzjoni, l-akkwist jew il-pussess ta', jew l-aċċess ***għal***, ***materjal*** li jinvolvi ***esklużivament***:

Emenda 98
Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
fejn dak il-materjal ikun magħmul u miżmum bil-kunsens tat-tfal involuti u jkun għall-użu privat biss tal-persuni involuti, ***sa fejn l-atti*** ma ***kinux jinvolvu*** abbuż.	fejn dak il-materjal ikun magħmul u miżmum bil-kunsens tat-tfal involuti u jkun għall-użu privat biss tal-persuni involuti, ***dment li*** ma ***jkun hemm l-ebda*** abbuż ***tal-fiduċja jew dipendenza***

	bejn il-pari.

Emenda 99
Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri*** li ***jiddeċiedu jekk l-Artikolu*** 6 ***japplikax*** għal proposti, konverżazzjonijiet, kuntatti jew skambji bejn il-pari.	4. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li***, fil-kuntest tal-Artikolu*** 6***, tiġi pprovduta eżenzjoni mill-kriminalizzazzjoni*** għal proposti, konverżazzjonijiet, kuntatti jew skambji ***bejn il-pari, dment li ma jkun hemm l-ebda abbuż tal-fiduċja jew dipendenza*** bejn il-pari.

Emenda 100
Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-fini tal-paragrafi 1 sa 4, tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali jistgħu jitqiesu li jkunu taw il-kunsens tagħhom għal attività biss meta l-kunsens ikun ingħata volontarjament, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tat-tfal ivvalutata b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi u l-kuntest.	Għall-fini tal-paragrafi 1 sa 4 ***ta' dan l-Artikolu***, tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali jistgħu jitqiesu li jkunu taw il-kunsens tagħhom għal attività biss meta l-kunsens ikun ingħata volontarjament ***u biċ-ċar u b'mod infurmat u mhux ambigwu***, bħala riżultat tar-rieda ħielsa tat-tfal ivvalutata b'kunsiderazzjoni taċ-ċirkostanzi u l-kuntest***, kif definit fl-Artikolu 2, punt 2a. Tfal li jaqbżu l-età tal-kunsens sesswali ma għandhomx jitqiesu li jkunu taw il-kunsens meta t-tfal ma jkunux jistgħu jifformaw rieda ħielsa minħabba l-preżenza taċ-ċirkostanzi msemmija fl-***

	Artikolu 3(5) jew minħabba ċirkostanzi oħra, inkluż il-kundizzjoni fiżika jew mentali tat-tfal, bħal stat ta' telf mis-sensi, irqad, intossikazzjoni, sorpriża, li wieħed ma jkunx jista' jiċċaqlaq, mard jew korriment fuq il-persuna.

Emenda 101
Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
In-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat ***esklussivament*** mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata.	in-nuqqas ta' kunsens ma jistax jiġi kkonfutat mis-skiet tat-tfal, min-nuqqas ta' reżistenza verbali jew fiżika jew minn imġiba sesswali passata ***jew minn kwalunkwe relazzjoni passata jew preżenti ma'trasgressur***.

Emenda 102
Proposta għal direttiva
Artikolu 10 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-kondiviżjoni kunsenswali ta' stampi jew ***ta' vidjos*** intimi ta' persuni ma tistax tiġi interpretata bħala kunsens għal kwalunkwe kondiviżjoni jew tixrid ulterjuri ta' dik l-istess stampa jew ***vidjo***.	6. Il-kondiviżjoni kunsenswali ta' stampi***, vidjos*** jew ***materjal simili*** intimi ta' persuni ma tistax tiġi interpretata bħala kunsens għal kwalunkwe kondiviżjoni jew tixrid ulterjuri ta' dik l-istess stampa***, vidjo*** jew ***materjal simili, inkluż f'verżjoni manipulata jew mibdula***. ***Kwalunkwe kondiviżjoni jew disseminazzjoni sussegwenti, kemm jekk mir-riċevitur oriġinali jew minn kwalunkwe parti oħra, għandha tirrikjedi kunsens espliċitu u infurmat mill-individwu rappreżentat.***
	Il-kunsens jista' jiġi rtirat fi

kwalunkwe mument.

Emenda 103
Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-reat kien imwettaq kontra tfal ***f'qagħda*** partikolarment vulnerabbli, bħalma huma ***t-tfal b' diżabbiltà*** mentali, intellettwali jew fiżika jew ***sitwazzjoni*** ta' dipendenza jew stat ta' inkapaċità fiżika jew mentali;	(a) ir-reat kien imwettaq kontra tfal ***fi kwalunkwe qagħda*** partikolarment vulnerabbli, bħalma huma ***tfal ta' età żgħira, tfal b'diżabbiltà*** mentali, intellettwali***, tas-sensi*** jew fiżika***, li huma mċaħħda mil-libertà*** jew ***li l-libertà tagħhom hija ristretta, f'sitwazzjoni*** ta' dipendenza jew ***fi*** stat ta' inkapaċità fiżika jew mentali;

Emenda 104
Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ha) it-trasgressur ikun għamel tabirruħu li hu minorenni jew pari;

Emenda 105
Proposta għal direttiva
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) ir-reat kien motivat minn waħda jew aktar mir-raġunijiet protetti skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 106
Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' repetizzjoni tar-reati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna fiżika li ġiet ikkundannata bi kwalunkwe mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 , tkun tista' tiġi temporanjament jew permanentement impedita milli twettaq ***mill-inqasattivitajiet*** professjonali li jinvolvu kuntatt dirett u regolari mat-tfal.	1. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' repetizzjoni tar-reati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna fiżika li ġiet ikkundannata bi kwalunkwe ***wieħed*** mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, tkun tista' tiġi temporanjament jew permanentement impedita milli twettaq ***mill-inqas attivitajiet*** professjonali ***u volontarji organizzati*** li jinvolvu ***jew jiffaċilitaw*** kuntatt dirett u regolari mat-tfal.

Emenda 107
Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li min iħaddem, meta jkun qed jirrekluta għal attivitajiet professjonali jew volontarji organizzati li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal, u organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta jkunu qed jirreklutaw ***il-persunal***, ikunu meħtieġa ***li*** jitolbu informazzjoni, f'konformità mal-liġi nazzjonali, permezz ta' kwalunkwe mod xieraq, bħal pereżempju l-aċċess meta ssir talba għalih jew permezz tal-persuna kkonċernata, dwar l-eżistenza ta' kundanni kriminali għal xi reat li hemm riferiment għalih fl-Artikoli 3 sa 9 mdaħħla	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li min iħaddem, meta jkun qed jirrekluta għal attivitajiet professjonali jew volontarji organizzati li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal, u organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, meta jkunu qed jirreklutaw ***jew jagħtu kuntratt lil persunal, konsulenti u voluntiera***, ikunu meħtieġa jitolbu informazzjoni, f'konformità mal-liġi nazzjonali, permezz ta' kwalunkwe mod xieraq, bħal pereżempju l-aċċess meta ssir talba għalih jew permezz tal-persuna kkonċernata, dwar l-eżistenza ta' kundanni kriminali għal xi reat li hemm riferiment

fil-fedina penali, jew l-eżistenza ta’ kwalunkwe skwalifika għall-eżerċizzju tal-attivitajiet li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal ikkawżati minn dawk il-kundanni kriminali.	għalih fl-Artikoli 3 sa 9 mdaħħla fil-fedina penali, jew l-eżistenza ta’ kwalunkwe skwalifika għall-eżerċizzju tal-attivitajiet li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal ikkawżati minn dawk il-kundanni kriminali.

Emenda 108
Proposta għal direttiva
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu, meta jintalbu mill-awtoritajiet kompetenti, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw it-trażmissjoni ta’ informazzjoni li tikkonċerna l-eżistenza ta’ kundanni kriminali għal xi wieħed mir-reati ***li hemm riferiment għalih*** fl-Artikoli 3 sa 9 , jew ta’ xi skwalifika għall-eżerċizzju ta’ attivitajiet li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal derivanti minn dawk il-kundanni kriminali , u li l-informazzjoni trażmessa tkun kompluta kemm jista’ jkun, li tkun tinkludi mill-inqas informazzjoni dwar kundanni kriminali jew skwalifiki derivanti minn kundanni kriminali miżmuma minn kwalunkwe Stat Membru. Għal dak il-għan, tali informazzjoni għandha tiġi trażmessa permezz tal-ECRIS jew il-mekkaniżmu għall-iskambju ta’ informazzjoni ta’ rekords kriminali stabbilit ma’ pajjiżi terzi.	3. Għall-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 ta’ dan l-Artikolu, meta jintalbu mill-awtoritajiet kompetenti, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw it-trażmissjoni ta’ informazzjoni***, mill-awtoritajiet lill-parti rikjedenti,*** li tikkonċerna l-eżistenza ta’ kundanni kriminali għal xi wieħed mir-reati ***msemmija*** fl-Artikoli 3 sa 9 , jew ta’ xi skwalifika għall-eżerċizzju ta’ attivitajiet li jinvolvu kuntatti diretti u regolari mat-tfal derivanti minn dawk il-kundanni kriminali , u li l-informazzjoni trażmessa tkun kompluta kemm jista’ jkun, li tkun tinkludi mill-inqas informazzjoni dwar kundanni kriminali jew skwalifiki derivanti minn kundanni kriminali miżmuma minn kwalunkwe Stat Membru. Għal dak il-għan, tali informazzjoni għandha tiġi trażmessa permezz tal-ECRIS jew il-mekkaniżmu għall-iskambju ta’ informazzjoni ta’ rekords kriminali stabbilit ma’ pajjiżi terzi.

Emenda 109
Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sanzjonijiet kontra persuni ġuridiċi	***Pieni għal*** persuni ġuridiċi

Emenda 110
Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 13 tkun punibbli permezz ta' ***sanzjonijiet*** effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu ***sanzjonijiet*** oħra, bħal:	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li persuna ġuridika li tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 13 tkun punibbli permezz ta' ***pieni*** effettivi, proporzjonati u dissważivi, li għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu ***penali*** oħra, bħal:

Emenda 111
Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) fejn ikun hemm interess pubbliku, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja kollha jew parti minnha li tkun marbuta mar-reat kriminali mwettaq u l-pieni jew il-miżuri imposti, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali.

Emenda 112
Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li, għall-persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 13, ir-reati punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn (2) għall-persuni fiżiċi jkunu punibbli b'multi li l-livell massimu tagħhom jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 1 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika fis-sena tan-negozju ta' qabel ***id-deċiżjoni*** ta' ***mmultar***.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li, għall-persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 13, ir-reati punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn (2) għall-persuni fiżiċi jkunu punibbli b'multi li l-livell massimu tagħhom jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 1 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika ***jew*** fis-sena tan-negozju ta' qabel ***dik li fiha jkun twettaq ir-reat jew fis-sena tan-negozju*** ta' ***qabel id-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa, jew ammont li jikkorrispondi għal EUR 8 000 000, skont liem ikun l-ogħla***.

Emenda 113
Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li, għall-persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 13, ir-reati punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 3 snin għall-persuni fiżiċi jkunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 5 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika fis-sena tan-negozju ta' qabel ***id-deċiżjoni*** ta' ***mmultar***.	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li, għall-persuni ġuridiċi miżmuma responsabbli skont l-Artikolu 13, ir-reati punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas 3 snin għall-persuni fiżiċi jkunu punibbli b'multi, li l-limitu massimu tagħhom jenħtieġ li ma jkunx inqas minn 5 % tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika ***jew*** fis-sena tan-negozju ta' qabel ***dik li fiha twettaq ir-reat jew fis-sena tan-negozju*** ta' ***qabel id-deċiżjoni li tiġi***

	imposta l-multa, jew ammont li jikkorrispondi għal EUR 40 000 000, skont liem ikun l-ogħla.

Emenda 114
Proposta għal direttiva
Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli għal każijiet li fihom ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat l-ammont tal-multa abbażi tal-fatturat globali totali tal-persuna ġuridika fis-sena tan-negozju ta' qabel dik li fiha jkun twettaq ir-reat jew fis-sena tan-negozju ta' qabel id-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa.

Emenda 115
Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Investigazzjoni u prosekuzzjoni ***u perjodi ta' limitazzjoni***	Investigazzjoni u prosekuzzjoni

Emenda 116
Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu l-prosekuzzjoni ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikolu 3, l-Artikolu 4(2), (3), (5), (6) u (7) , ta' kull reat gravi msemmi fl-Artikolu 5(6)	***imħassar***

meta jkun intuża l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imsemmi fl-Artikolu 2 , il-punti (3)(a) u (b) , u ta' kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 7 u 8 , għal żmien suffiċjenti wara li l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri u li hu proporzjonat mal-gravità tar-reat ikkonċernat.

Emenda 117
Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan il-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun:	***imħassar***
(a) mill-inqas 20 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;	
(b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija;	
(c) mill-inqas 30 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.	

Emenda 118
Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-inqas 20 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin priġunerija;	***imħassar***

Emenda 119
Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin priġunerija;	***imħassar***

Emenda 120
Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) mill-inqas 30 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għar-reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin priġunerija.	***imħassar***

Emenda 121
Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għodod investigattivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta'	3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għodod investigattivi, bħal dawk li jintużaw f'każijiet ta'

kriminalità organizzata jew ta’ kriminalità serja oħra, ikunu disponibbli għall-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta’ reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9 .	kriminalità organizzata jew ta’ kriminalità serja oħra, ikunu disponibbli għall-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli għall-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta’ reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9***. Fejn xieraq, dawn l-għodod għandhom jinkludu għodod investigattivi speċjali, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta’ kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu investigazzjonijiet taħt kopertura, l-użu tal-hekk imsejħa “honeypots”, l-interċezzjoni ta’ komunikazzjonijiet, sorveljanza sigrieta inkluża sorveljanza elettronika u l-monitoraġġ ta’ kontijiet tal-bank jew investigazzjonijiet finanzjarji oħra f’konformità mal-liġi nazzjonali.***

Emenda 122
Proposta għal direttiva
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw u jipprosegwixxu kontra r-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom biżżejjed persunal***,*** għarfien espert ***u għodod investigattivi effettivi*** biex jinvestigaw u jipprosegwixxu b’mod effettiv kontra tali reati, inkluż dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f’konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi li jinvestigaw u jipprosegwixxu kontra r-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom biżżejjed persunal ***u*** għarfien espert biex jinvestigaw u jipprosegwixxu b’mod effettiv kontra tali reati, inkluż dawk imwettqa permezz tal-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, f’konformità mar-regoli applikabbli tal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali.

Unjoni u dik nazzjonali. ***Fejn xieraq, dawn l-għodod għandhom jinkludu għodod investigattivi speċjali, bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew każijiet oħra ta' kriminalità serja, bħall-possibbiltà li jitwettqu investigazzjonijiet taħt kopertura.***

Emenda 123
Proposta għal direttiva
Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 16a
	Perjodi ta' limitazzjoni
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ma japplika l-ebda perjodu ta' limitazzjoni fuq ir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9.

Emenda 124
Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li tkun taf jew tissuspetta, b'rieda tajba, li kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 9 ġie kommess, biex tirrapporta dan lis-servizzi kompetenti , mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u l-Artikolu 12 tar-	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jinkoraġġixxu lil kwalunkwe persuna li tkun taf jew tissuspetta, b'rieda tajba, li kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 9 ġie kommess, biex tirrapporta dan lis-servizzi kompetenti, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[24] u l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE)

Regolament (UE) …/… [li jistabbilixxi regoli biex jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal].	…/…[25] [li jistabbilixxi regoli biex jipprevjeni u jiġġieled l-abbuż sesswali tat-tfal].
_____	_____
[24] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).	[24] Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).
[25] Ir-Regolament (UE)	[25] Ir-Regolament (UE)

Emenda 125
Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-inqas il-professjonisti li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal fis-setturi tal-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni, ***il-kura*** tat-tfal u l-kura tas-saħħa ***jkunu*** obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li aktarx jitwettaq reat punibbli skont din id-Direttiva.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tal-inqas il-professjonisti ***u l-voluntiera kollha*** li jaħdmu f'kuntatt mill-qrib mat-tfal***, inkluż*** fis-setturi tal-protezzjoni tat-tfal, l-edukazzjoni, ***l-isport, il-kura*** tat-tfal u l-kura tas-saħħa***, kif ukoll il-professjonisti legali, l-għalliema u l-edukaturi, l-imħallfin tal-qrati tal-familja u l-uffiċjali tal-pulizija tal-ewwel linja jiġu infurmati u mħarrġa biex jirrikonoxxu l-abbuż sesswali tat-tfal***. ***Il-professjonisti u l-voluntiera msemmijin fl-ewwel subparagrafu huma*** obbligati jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk ikollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li twettaq jew li aktarx jitwettaq reat punibbli skont din id-

Direttiva.

Emenda 126
Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jeżentaw lill-professjonisti ***li jaħdmu fis-setturi tal-kura tas-saħħa*** fil-kuntest ta' programmi ddedikati għal persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat kriminali punibbli skont din id-Direttiva jew persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati punibbli skont din id-Direttiva mill-obbligu ta' rapportar previst fil-paragrafu 3.	4. L-Istati Membri għandhom jeżentaw lill-professjonisti ***attivi*** fil-kuntest ta' programmi ddedikati għal persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reat kriminali punibbli skont din id-Direttiva jew persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati punibbli skont din id-Direttiva mill-obbligu ta' rapportar previst fil-paragrafu 3.

Emenda 127
Proposta għal direttiva
Artikolu 17 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4 a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' rapportar aċċessibbli, viżibbli, ċari, faċli għall-utent u sensittivi għall-ġeneru. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-mekkaniżmi ta' rapportar ikollhom ir-riżorsi xierqa, inkluż f'termini ta' finanzjament u persunal.

Emenda 128
Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minbarra d-drittijiet tal-	1. Minbarra d-drittijiet tal-

vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, u l-Artikolu 5a skont id-Direttiva (UE)…/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti b'mod faċli u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li dawk ir-reati kriminali jiġu rrapportati, u li meta jkun fattibbli tiġi ppreżentata evidenza, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.	vittmi meta jagħmlu lment skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/29/UE, u l-Artikolu 5a skont id-Direttiva (UE)…/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi ta' reati], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi jkunu jistgħu jirrapportaw ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ta' din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti ***mingħajr ħlas,*** b'mod ***sikur,*** faċli***, kunfidenzjali*** u aċċessibbli. Dan għandu jinkludi l-possibbiltà li dawk ir-reati kriminali jiġu rrapportati, u li meta jkun fattibbli tiġi ppreżentata evidenza, permezz ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni faċilment aċċessibbli u faċli għall-utent.

Emenda 129
Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-possibbiltà ta' rapportar minn parti terza, inkluż billi jintuża l-mekkaniżmu ta' rapportar imsemmi fil-paragrafu 1.

Emenda 130
Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta'	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta'

rapportar imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu sikuri, kunfidenzjali u mfassla b'mod u b'lingwa adattata għat-tfal, f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens tal-ġenituri.	rapportar imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu sikuri, kunfidenzjali u mfassla b'mod u b'lingwa adattata għat-tfal, f'konformità mal-età u l-maturità tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rapportar ma jkunx kundizzjonali fuq il-kunsens tal-ġenituri ***u li tiġi pprovduta informazzjoni xierqa dwar il-proċeduri ta' rapportar u s-servizzi ta' appoġġ***. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' rapportar aċċessibbli, viżibbli, ċari, faċli għall-utent u sensittivi għall-ġeneru f'konformità mal-istandards ta' kwalità Barnahus. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk il-mekkaniżmi ta' rapportar ikollhom riżorsi xierqa, inkluż f'termini ta' finanzjament u persunal.***

Emenda 131
Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2 a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti strutturi interaġenzjali multidixxiplinarji adattati għall-età biex jiġi indirizzat l-abbuż sesswali tat-tfal, inkluż meta tali abbuż ikun iffaċilitat permezz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni. L-Istati Membri għandhom iħeġġu u jappoġġaw, inkluż finanzjarjament, mekkaniżmi oħra ta' rapportar, b'mod

partikolari:

(a) l-iżvilupp ta' helplines u hotlines apposta, inkluż iżda mhux limitat għan-numru "116 000";

(b) il-ħatra ta' uffiċjali tal-benesseri li huma mħarrġa speċifikament biex jirċievu, jivvalutaw u jirrapportaw suspetti ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi ta' rapportar kif imsemmijin fit-tieni subparagrafu jkunu integrati bis-sħiħ fis-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni tat-tfal u li jkollhom riżorsi xierqa, inkluż f'termini ta' finanzjament u persunal.

Tali strutturi għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe sistema eżistenti fl-Istati Membri.

Emenda 132
Proposta għal direttiva
Artikolu 18 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jiġu f'kuntatt mal-vittmi li jirrapportaw reati ta' abbuż sesswali tat-tfal jew reati ta' sfruttament sesswali jkunu pprojbiti milli jittrasferixxu data personali relatata mal-istatus ta' residenza tal-vittma lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni, ***tal-inqas sat-tlestija tal-ewwel valutazzjoni individwali tal-ħtiġijiet ta' protezzjoni tal-vittmi mwettqa f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2012/29/UE***.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jiġu f'kuntatt mal-vittmi li jirrapportaw reati ta' abbuż sesswali tat-tfal jew reati ta' sfruttament sesswali jkunu pprojbiti milli jittrasferixxu data personali relatata mal-istatus ta' residenza tal-vittma lill-awtoritajiet kompetenti tal-migrazzjoni, ***kif ukoll milli jużawhom biex iwettqu proċeduri ta' ritorn***.

Emenda 133
Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fejn reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 sa 9 jaqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. Meta jkun xieraq u f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/948/ĠAI, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Eurojust.	6. Fejn reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 sa 9 jaqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawn l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. Meta jkun xieraq u f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/948/ĠAI, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Eurojust ***u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha għandhom jiġu infurmati kif xieraq sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera***.

Emenda 134
Proposta għal direttiva
Artikolu 19 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jiżguraw kooperazzjoni effiċjenti mal-Eurojust u l-Europol rigward proċedimenti kriminali u investigazzjonijiet relatati ma' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal u rigward it-trasferiment ta' proċedimenti bħal dawn, b'mod partikolari f'każijiet li jinvolvu diversi Stati Membri. Din il-kooperazzjoni għandha tiffaċilita l-iskambju transfruntier tal-informazzjoni, l-investigazzjonijiet konġunti u

	l-assistenza fl-isforzi ta' prosekuzzjoni.

Emenda 135
Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Tfal vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9 ***għandhom*** jingħataw assistenza, appoġġ u protezzjoni f'konformità mal-Artikoli 21 u 22 , b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal.	1. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li*** tfal vittmi ta' reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9 jingħataw assistenza, appoġġ u protezzjoni f'konformità mal-Artikoli 21 u 22, b'kont meħud tal-aħjar interessi tat-tfal***, irrispettivament ikunux ressqu lment formali jew le***.

Emenda 136
Proposta għal direttiva
Artikolu 20 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa faċilment aċċessibbli, mingħajr ħlas u komprensivi, inkluża l-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva għat-tfal vittmi ta' abbuż jew sfruttament sesswali.

Emenda 137
Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-vittmi jingħataw assistenza u appoġġ speċjalizzat u

adatt , qabel, matul u għal perjodu ta’ żmien adatt wara l-konklużjoni ta’ proċedimenti kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE , fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta’ Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati] u f’din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom b’mod partikolari ***jiżguraw li l-vittmi*** tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ***jkollhom aċċess għal servizzi*** ta’ ***appoġġ immirati*** u ***integrati għat-tfal*** f’konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta’ Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati]. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li jirrappurtaw każijiet ta’ abbuż ***li qed iseħħu fl-ambjent familjari tagħhom***.

adatt , qabel, matul u għal perjodu ta’ żmien adatt wara l-konklużjoni ta’ proċedimenti kriminali sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom kif stipulati fid-Direttiva 2012/29/UE , fid-Direttiva (UE) …/… [proposta ta’ Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati] u f’din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom b’mod partikolari ***jipprovdu lill-vittmi*** tar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ***ċentri ta’ riferiment faċilment aċċessibbli, li jistgħu jiffurmaw parti mis-sistema tal-kura tas-saħħa nazzjonali, biex jiġi żgurat appoġġ effettiv lit-tfal vittmi*** ta’ ***abbuż jew sfruttament sesswali u biex tiġi żgurata l-ġestjoni klinika tal-vjolenza sesswali, inkluża l-assistenza għaż-żamma sikura*** u ***d-dokumentazzjoni tal-evidenza,*** f’konformità mal-Artikolu 9a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta’ Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati]. ***Dawn iċ-ċentri għandhom jipprovdu appoġġ sensittiv għat-trawma u, meta meħtieġ, riferiment għal appoġġ speċjalizzat għat-trawma u konsulenza għat-tfal vittmi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal vittmi ta’ abbuż jew sfruttament sesswali jkollhom aċċess għal eżamijiet mediċi u forensiċi li jistgħu jiġu pprovduti f’dawn iċ-ċentri jew permezz ta’ riferiment għal ċentri jew unitajiet speċjalizzati. L-Istati***

	Membri għandhom jiżguraw koordinazzjoni bejn iċ-ċentri ta' riferiment u ċ-ċentri mediċi u forensiċi kompetenti. Is-servizzi kollha msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu pprovduti b'mod adattat għat-tfal. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li dawn iċ-ċentri jkunu marbuta maċ-ċentri stabbiliti skont l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2024/1385 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi neċessarji biex jiżguraw il-protezzjoni tat-tfal li jirrappurtaw każijiet ta' abbuż ***fil-familja tagħhom, f'konformità mal-aħjar interessi tat-tfal***.

Emenda 138
Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-vittmi*** għandhom jingħataw kura medika koordinata u ***xierqa għall-età tagħhom***, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku ***u*** edukattiv, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***vjolenza domestika***.	2. ***L-Istati Membri*** għandhom ***jiżguraw li l-vittmi u l-familji tagħhom*** jingħataw kura medika ***aċċessibbli, adattata għat-tfal, komprensiva, speċjalizzata,*** koordinata***, adatta għall-ħtiġijiet*** u ***għall-età, inkluż aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa sesswali u riproduttiva***, appoġġ emozzjonali, psikosoċjali, psikoloġiku***, legali,*** edukattiv ***u amministrattiv***, kif ukoll kwalunkwe appoġġ xieraq ieħor imfassal b'mod partikolari għal sitwazzjonijiet ta' ***abbuż sesswali, b'attenzjoni speċjali għall-irkupru fit-tul tal-vittmi. Tali appoġġ għandu jkun***

disponibbli f'post wieħed, abbażi tal-mudell "Barnahus".

Emenda 139
Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Is-servizzi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu disponibbli mingħajr ħlas, u għandhom ikunu aċċessibbli kull jum tal-ġimgħa, mingħajr preġudizzju għal dawk is-servizzi li huma previsti fis-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa. L-Istati Membri għandhom jiżguraw distribuzzjoni ġeografika u kapaċità tas-servizzi suffiċjenti kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 madwar l-Istat Membru.

Emenda 140
Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ***ikun meħtieġ*** li ***tiġi pprovduta*** akkomodazzjoni interim***,*** it-tfal għandhom, bħala prijorità, jitqiegħdu ma' membri oħra tal-familja, jekk meħtieġ f'akkomodazzjoni temporanja jew permanenti, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ.	3. Fejn ***meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li ***t-tfal jiġu pprovduti*** akkomodazzjoni *interim****.*** It-tfal għandhom, bħala prijorità, jitqiegħdu ma' membri oħra tal-familja***, b'kont meħud tal-aħjar interessi tagħhom***, jekk meħtieġ f'akkomodazzjoni temporanja jew permanenti, mgħammra b'servizzi ta' appoġġ.

Emenda 141
Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Il-vittmi*** ta’ reati punibbli skont din id-Direttiva għandu jkollhom aċċess għaċ-ċentri ta’ riferiment stabbiliti fl-ambitu tal-Artikolu ***28*** tad-Direttiva […/…/UE Id-Direttiva proposta dwar il-vjolenza kontra n-nisa][26].	4. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vittmi*** ta’ reati punibbli skont din id-Direttiva għandu jkollhom aċċess għaċ-ċentri ta’ riferiment stabbiliti fl-ambitu tal-Artikolu ***26*** tad-Direttiva […/…/UE Id-Direttiva proposta dwar il-vjolenza kontra n-nisa][26].
_____	_____
[26] COM(2022) 105, 08.03.2022.	[26] COM(2022) 105, 08.03.2022.

Emenda 142
Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Tfal vittmi ta’ kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 9 għandhom jitqiesu bħala partikolarment vulnerabbli skont ***l-Artikolu*** 22(2) tad-Direttiva 2012/29/UE u d-Direttiva (UE) …/… [proposta ta’ Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati] .	7. Tfal vittmi ta’ kwalunkwe reat imsemmi fl-Artikoli 3 sa 9 għandhom jitqiesu bħala partikolarment vulnerabbli skont ***it-tifsira tal-Artikolu*** 22(2) tad-Direttiva 2012/29/UE u d-Direttiva (UE) …/… [proposta ta’ Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati] .

Emenda 143
Proposta għal direttiva
Artikolu 21 – paragrafu 9 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. ***Ladarba jiġi stabbilit, iċ-Ċentru tal-UE għandu jappoġġa*** b’mod proattiv ***l-isforzi*** tal-Istati Membri dwar l-assistenza lill-vittmi ***billi***:	9. ***L-isforzi*** tal-Istati Membri dwar l-assistenza lill-vittmi għandhom jiġu appoġġati b’mod proattiv ***miċ-Ċentru tal-UE, ladarba jiġi stabbilit minn***:

Emenda 144
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Protezzjoni ta' tfal ***vittmi*** f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali	Protezzjoni ta' tfal f'investigazzjonijiet u proċedimenti kriminali

Emenda 145
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema relevanti tal-ġustizzja, l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant speċjali għat-tfal vittmi fejn, taħt il-liġi nazzjonali, id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu preklużi milli jirrappreżentaw lit-tfal bħala riżultat ta' konflitt ta' interess bejnhom u t-tfal vittmi, jew fejn it-tfal ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati mill-familja.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li fl-investigazzjonijiet u l-proċedimenti kriminali, f'konformità mar-rwol tal-vittmi fis-sistema relevanti tal-ġustizzja, l-awtoritajiet kompetenti jaħtru rappreżentant speċjali għat-tfal vittmi fejn, taħt il-liġi nazzjonali, id-detenturi tar-responsabbiltà tal-ġenituri jkunu preklużi milli jirrappreżentaw lit-tfal bħala riżultat ta' konflitt ta' interess bejnhom u t-tfal vittmi, jew fejn it-tfal ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati mill-familja. ***L-awtoritajiet kollha involuti fil-proċedimenti għandhom jitħarrġu f'ġustizzja adattata għat-tfal.***

Emenda 146
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-intervisti mat-tfal vittmi ***jsiru*** mingħajr dewmien mhux ġustifikat wara li l-fatti jkunu ġew irrapportati lill-awtoritajiet	(a) l-intervisti mat-tfal vittmi ***jew, fejn applikabbli, ma' xhieda tfal, isiru*** mingħajr dewmien mhux ġustifikat wara li

kompetenti;	l-fatti jkunu ġew irrapportati lill-awtoritajiet kompetenti;

Emenda 147
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-intervisti mat-tfal vittmi ***jsiru*** f'post imfassal jew adattat għal dan il-fini;	(b) l-intervisti mat-tfal vittmi ***jew, fejn applikabbli, ma' xhieda tfal, isiru*** f'post imfassal jew adattat għal dan il-fini;

Emenda 148
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-intervisti mat-tfal vittmi jitwettqu minn jew permezz ta' professjonisti mħarrġa għal dak il-fini;	(c) l-intervisti mat-tfal vittmi ***jew, fejn applikabbli, ma' xhieda tfal,*** jitwettqu minn jew permezz ta' professjonisti mħarrġa għal dak il-fini;

Emenda 149
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-istess persuni, jekk possibbli u fejn adatt, imexxu l-intervisti kollha mat-tfal vittmi;	(d) l-istess persuni, jekk possibbli u fejn adatt, imexxu l-intervisti kollha mat-tfal vittmi ***jew, fejn applikabbli, ma' xhieda tfal***;

Emenda 150
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) it-tfal vittmi jistgħu jkunu	(f) it-tfal vittmi ***jew, fejn***

akkumpanjati mir-rappreżentant legali tagħhom jew, fejn adatt, minn adult tal-għażla tagħhom, sakemm ma tkunx ittieħdet deċiżjoni motivata kontra dik il-persuna.	***applikabbli, ix-xhieda tfal,*** jistgħu jkunu akkumpanjati mir-rappreżentant legali tagħhom jew, fejn adatt, minn adult tal-għażla tagħhom, sakemm ma tkunx ittieħdet deċiżjoni motivata kontra dik il-persuna.

Emenda 151
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9 , l-intervisti kollha mat-tfal vittmi jew, fejn ***xieraq***, ma' xhieda tfal, ikunu jistgħu jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv u li dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-intervisti jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali, f'konformità mar-regoli taħt il-liġi nazzjonali tagħhom.	4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, f'investigazzjonijiet kriminali ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 9, l-intervisti kollha mat-tfal vittmi jew, fejn ***applikabbli***, ma' xhieda tfal, ikunu jistgħu jiġu rreġistrati b'mod awdjoviżiv u li dawn ir-reġistrazzjonijiet awdjoviżivi tal-intervisti jkunu jistgħu jintużaw bħala evidenza fi proċedimenti tal-qorti kriminali, f'konformità mar-regoli taħt il-liġi nazzjonali tagħhom.

Emenda 152
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tfal vittmi ***jkunu*** jistgħu jagħtu xhieda mingħajr ma jkunu preżenti fl-awla tal-qorti, partikolarment bl-użu ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni adatta.	(b) it-tfal vittmi ***jew, fejn applikabbli, xhieda tfal, ikunu*** jistgħu jagħtu xhieda mingħajr ma jkunu preżenti fl-awla tal-qorti, partikolarment bl-użu ta' teknoloġija ta' komunikazzjoni adatta.

Emenda 153
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, fejn ikun fl-interess ta' tfal vittmi u b'kont meħud ta' interessi superjuri oħra, biex jipproteġu l-privatezza, l-identità u l-immaġni tat-tfal vittmi u jimpedixxu t-tixrid pubbliku ta' kwalunkwe informazzjoni li tista' twassal għall-identifikazzjoni tagħhom.	6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa, fejn ikun fl-interess ta' tfal vittmi ***jew, fejn applikabbli, xhieda tfal*** u b'kont meħud ta' interessi superjuri oħra, biex jipproteġu l-privatezza, l-identità u l-immaġni tat-tfal vittmi ***u ta' xhieda tfal*** u jimpedixxu t-tixrid pubbliku ta' kwalunkwe informazzjoni li tista' twassal għall-identifikazzjoni tagħhom.

Emenda 154
Proposta għal direttiva
Artikolu 22 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti tal-qorti kriminali relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis ***l-età*** u ***l-maturità*** tat-tfal ***fil-proċedimenti tal-qorti rilevanti***.	7. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, meta l-parteċipazzjoni tat-tfal tkun meħtieġa fi proċedimenti tal-qorti kriminali relatati ma' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, il-qorti tqis ***il-vulnerabbiltajiet tat-tfal fil-proċedimenti tal-qorti rilevanti, inklużi dawk relatati mal-età, il-maturità*** u ***l-benesseri mentali u fiżiku*** tat-tfal***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan japplika għat-tfal kollha, inklużi dawk suspettati, akkużati jew ħatja ta'reat.***

Emenda 155
Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Minbarra d-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 16a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittjiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati], il-vittmi għandhom jitħallew jitolbu kumpens fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali u ċivili għal kwalunkwe dannu kkawżat lilhom minn kwalunkwe wieħed mir-reati punibbli skont din id-Direttiva***, għal perjodu ta' żmien suffiċjenti, proporzjonat mal-gravità tar-reat, wara li jilħqu l-età maġġuri***.	2. Minbarra d-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 16a tad-Direttiva (UE) …/… [proposta ta' Direttiva li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittjiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tar-reati], il-vittmi għandhom jitħallew jitolbu kumpens fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali u ċivili għal kwalunkwe dannu kkawżat lilhom minn kwalunkwe wieħed mir-reati punibbli skont din id-Direttiva***. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ebda perjodu ta' limitazzjoni ma japplika għad-dritt tal-vittma għal kumpens***.

Emenda 156
Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun:	***imħassar***
(a) mill-inqas 20 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin;	
(b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin;	
(c) mill-inqas 30 senamid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati	

punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin.

Emenda 157
Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) mill-inqas 20 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 3 snin;	***imħassar***

Emenda 158
Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) mill-inqas 25 sena mid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 5 snin;	***imħassar***

Emenda 159
Proposta għal direttiva
Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) mill-inqas 30 senamid-data li fiha l-vittma tkun laħqet l-età maġġuri għal reati punibbli skont din id-Direttiva b'piena massima ta' mill-inqas 8 snin.	***imħassar***

Emenda 160
Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti biex iwettqu l-attivitajiet li ġejjin:	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***jew jaħtru*** awtoritajiet nazzjonali jew entitajiet ekwivalenti biex iwettqu l-attivitajiet li ġejjin:

Emenda 161
Proposta għal direttiva
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B’mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu responsabbli għall-obbligi tal-ġbir tad-data, tar-riċerka u tar-rappurtar imsemmija fl-Artikolu 31.	B’mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu responsabbli għall-obbligi tal-ġbir tad-data, tar-riċerka u tar-rappurtar imsemmija fl-Artikolu 31. ***Fit-twettiq tal-attivitajiet elenkati fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiġu appoġġati miċ-Ċentru tal-UE, ladarba jkun stabbilit.***

Emenda 162
Proposta għal direttiva
Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa biex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi biex jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri sabiex ***jindirizzaw*** l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fil-livell nazzjonali, tal-awtoritajiet, l-aġenziji u l-korpi rilevanti, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-	L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa biex jiżguraw koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi biex jiżviluppaw u jimplimentaw miżuri sabiex ***jiġġieldu*** l-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, fil-livell nazzjonali, tal-awtoritajiet, l-aġenziji u l-korpi rilevanti, inklużi l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-

aġenziji tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-prosekuturi pubbliċi, il-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ kif ukoll il-fornituri ta’ servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, is-servizzi soċjali, inklużi l-awtoritajiet tal-protezzjoni jew tal-benesseri tat-tfal, il-fornituri tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, is-sħab soċjali, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tagħhom, u organizzazzjonijiet u entitajiet rilevanti oħra. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jiżguraw ukoll koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni.	aġenziji tal-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, il-prosekuturi pubbliċi, il-fornituri ta’ servizzi ta’ appoġġ kif ukoll il-fornituri ta’ servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, ***inklużi dawk li joperaw hotlines u helplines,*** is-servizzi soċjali, inklużi l-awtoritajiet tal-protezzjoni jew tal-benesseri tat-tfal, il-fornituri tal-edukazzjoni u tal-kura tas-saħħa, is-sħab soċjali, mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tagħhom, u organizzazzjonijiet u entitajiet rilevanti oħra. Dawn il-mekkaniżmi għandhom jiżguraw ukoll koordinazzjoni u kooperazzjoni effettivi ***fost l-Istati Membri,*** maċ-Ċentru tal-UE u mal-Kummissjoni ***u ma’ aġenziji u korpi oħra tal-Unjoni***.

Emenda 163
Proposta għal direttiva
Artikolu 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 25a
	Kooperazzjoni internazzjonali
	Mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, il-Europol, il-Eurojust u ċ-Ċentru tal-UE għandhom, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom u fil-limiti tal-mandat rispettiv tagħhom, jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti ta’ pajjiżi terzi fil-ġlieda kontra r-reati kriminali msemmija fl-

Artikoli 3 sa 8b.

Emenda 164
Proposta għal direttiva
Artikolu 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 26	***imħassar***
Miżuri kontra r-reklamar ta' opportunitajiet ta' abbuż u ta' abbuż sesswali u sfruttament sesswali tat-tfal fl-ivvjaġġar u t-turiżmu	
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa ta' prevenzjoni jew projbizzjoni:	
(a) it-tixrid ta' materjal li jirreklama l-opportunità għat-twettiq ta' kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 sa 8 ; and	
(b) l-organizzazzjoni ta' arranġamenti oħra, kemm jekk ikunu għal finijiet kummerċjali jew le, ta' vjaġġar bil-fini li jitwettaq kwalunkwe mir-reati msemmijin fl-Artikoli 3 , 4 u 5.	

Emenda 165
Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ***jista'*** jkollhom aċċess għal programmi jew miżuri apposta u effettivi ta' intervent, imfassla għall-istima u	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 jkollhom aċċess ***faċli u anonimu*** għal programmi jew miżuri apposta u effettivi ta' intervent, imfassla għall-istima u

l-prevenzjoni tar-riskju li jitwettqu dawn ir-reati.	l-prevenzjoni tar-riskju li jitwettqu dawn ir-reati ***kif ukoll għal kanali aċċessibbli, faċli jintużaw, sikuri u faċilment disponibbli bħal helplines u chats online operati minn persunal imħarreġ kif xieraq***. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li r-riżorsi u l-gruppi ta' appoġġ ikunu disponibbli għall-persuni li jibżgħu li xi membru tal-familja tagħhom jista' jwettaq kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9.***

Emenda 166
Proposta għal direttiva
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi jew il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ikunu aċċessibbli mingħajr restrizzjonijiet bla bżonn f'konformità mal-istandards nazzjonali dwar il-kura tas-saħħa.	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi jew il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ikunu aċċessibbli mingħajr restrizzjonijiet bla bżonn f'konformità mal-istandards nazzjonali dwar il-kura tas-saħħa***, u li l-programmi jirċievu r-riżorsi kif suppost u b'mod kontinwu***.

Emenda 167
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li trawwem kull tip ta' sfruttament sesswali tat-tfal, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, kampanji ta' informazzjoni u ta'	1. Biex jiskoraġġixxu u jnaqqsu d-domanda li trawwem kull tip ta' sfruttament sesswali tat-tfal, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, kampanji ta' informazzjoni u ta'

sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi tul il-ħajja tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, in-natura illegali tiegħu, u l-possibbiltà għal persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu reati relatati li jkollhom aċċess għal programmi jew miżuri apposta u effettivi ta' intervent .	sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi tul il-ħajja tal-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal, in-natura illegali tiegħu, u l-possibbiltà għal persuni li jibżgħu li jistgħu jwettqu reati relatati li jkollhom aċċess għal programmi jew miżuri apposta u effettivi ta' intervent. ***L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw strateġija ta' komunikazzjoni, pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u jippromwovu d-djalogu u l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mal-hotlines, mal-helplines, mal-awtoritajiet pubbliċi u mas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni rilevanti.***

Emenda 168
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkollhom ukoll l-għan li jżidu l-għarfien tal-fatt li s-sess mhux kunsenswali huwa reat kriminali u li jippromwovu l-fehim li l-kunsens irid jingħata volontarjament bħala riżultat tar-rieda libera, ir-rispett reċiproku, u d-dritt għall-integrità sesswali u l-awtonomija fiżika tal-persuna. Tali miżuri għandhom jiġu adattati għall-kapaċità qed tevolvi tal-persuni li lilhom huma indirizzati.

Emenda 169
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu ***l-azzjoni*** xierqa, inkluż permezz tal-Internet, bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi ta' riċerka, ***programmi jew materjal ta' edukazzjoni*** u ta' ***taħriġ*** , fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ***relevanti*** tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħrajn, immirati biex iqajmu kuxjenza u jnaqqsu r-riskju ***ta'*** tfal ***li jsiru*** vittmi ta' abbuż sesswali jew tal-isfruttament sesswali.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu ***azzjoni*** xierqa, inkluż permezz tal-Internet, bħalma huma kampanji ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni, programmi ***jew materjal*** ta' riċerka, ***edukazzjoni u taħriġ, inkluż dwar il-litteriżmu diġitali, dwar l-edukazzjoni sesswali adattata għall-età li tiffoka fuq il-kunċett tal-kunsens, dwar prattiki sikuri online u offline, kif ukoll dwar l-użu xieraq tal-internet*** u ta' ***teknoloġiji ġodda***, fejn xieraq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet ***rilevanti*** tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħrajn, immirati biex iqajmu kuxjenza u jnaqqsu r-riskju ***li*** tfal ***isiru*** vittmi ta' abbuż sesswali jew tal-isfruttament sesswali.

Emenda 170
Proposta għal direttiva
Artikolu 28, – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom ***jippromwovu*** taħriġ regolari , inkluż ***ġustizzja*** mfassla apposta għat-tfal ***għal*** professjonisti, imħallfin u uffiċjali li x'aktarx ***ikunu*** f'kuntatt mat-tfal vittmi ta' abbuż sesswali jew tal-isfruttament sesswali, inkluż , iżda mhux limitat għal, professjonisti għall-protezzjoni tat-tfal, professjonisti legali, għalliema u ***edukaturi***, imħallfin tal-qorti tal-familja u pulizija ***li jaħdmu f'dan il-qasam***, bil-għan li jkunu jistgħu jidentifikaw u jittrattaw tfal vittmi u tfal vittmi	3. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li*** taħriġ regolari ***u speċjalizzat***, inkluż ***fil-ġustizzja*** mfassla apposta għat-tfal ***jiġi promoss jew offrut lil*** professjonisti, imħallfin u uffiċjali li x'aktarx ***jiġu*** f'kuntatt mat-tfal vittmi ta' abbuż sesswali jew tal-isfruttament sesswali, inkluż, iżda mhux limitat għal, professjonisti għall-protezzjoni tat-tfal, professjonisti legali, għalliema***, persunal tal-kura tat-tfal, professjonisti tal-kura tas-saħħa, edukaturi, voluntiera*** u ***coaches***, imħallfin tal-qorti tal-

potenzjali ta’ abbuż sesswali jew tal-isfruttament sesswali.	familja u pulizija ***tal-ewwel linja***, bil-għan li jkunu jistgħu ***jidentifikaw sinjali bikrija ta’ abbuż jew abbuż jew sfruttament sesswali potenzjali,*** jidentifikaw u jittrattaw tfal vittmi u tfal vittmi potenzjali ta’ abbuż sesswali jew tal-isfruttament sesswali.

Emenda 171
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***itejbu l-prevenzjoni*** tal-abbuż sesswali tat-tfal f’ambjenti komunitarji, inklużi skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura soċjali, klabbs sportivi jew komunitajiet reliġjużi.	L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***jiżguraw il-prevenzjoni*** tal-abbuż sesswali tat-tfal f’ambjenti komunitarji, inklużi skejjel, sptarijiet, servizzi tal-kura soċjali, ***foster care, kura matul il-jum,*** klabbs sportivi jew komunitajiet reliġjużi ***billi jgħammru lit-tfal u lill-adulti, inklużi l-ġenituri u l-edukaturi, b’ħiliet xierqa biex tiġi identifikata mġiba malizzjuża potenzjali***. ***Dawn il-miżuri għandhom jinkludu:***

Emenda 172
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) taħriġ u attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni għall-persunal li ***jaħdem f’tali ambjenti***;	(a) taħriġ u attivitajiet ta’ sensibilizzazzjoni għall-persunal***, il-konsulenti u l-voluntiera*** li ***jaħdmu f’kuntatt mill-qrib mat-tfal, inkluż dwar kif għandhom jipprevjenu, jidentifikaw u jipprovdu rispons adattat għall-età, sensittiv għall-ġeneru u li jqis***

	it-trawma għall-abbuż u l-isfruttament sesswali tat-tfal;

Emenda 173
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) linji gwida apposta, protokolli interni u standards li jidentifikaw prattiki tajbin, bħall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' superviżjoni u responsabbiltà għall-persunal li jaħdem f'kuntatt mill-qrib mat-tfal f'tali ambjenti;	(b) ***politiki obbligatorji dwar is-salvagwardar tat-tfal,*** linji gwida apposta, protokolli interni u standards li jidentifikaw prattiki tajbin, bħall-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' superviżjoni u responsabbiltà għall-persunal li jaħdem f'kuntatt mill-qrib mat-tfal f'tali ambjenti;

Emenda 174
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-ħolqien ta' spazji sikuri, immexxija minn persunal apposta u mħarreġ kif xieraq, fejn it-tfal, il-ġenituri, il-persuni li jindukraw u l-membri tal-komunità jistgħu jirrapportaw imġiba mhux xierqa.	(c) il-ħolqien ta' spazji sikuri ***u aċċessibbli***, immexxija minn persunal apposta u mħarreġ kif xieraq, fejn it-tfal, il-ġenituri, il-persuni li jindukraw u l-membri tal-komunità jistgħu jirrapportaw imġiba mhux xierqa.

Emenda 175
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c a) il-ħolqien ta' helplines, chats online jew kanali oħra faċilment disponibbli mmexxija minn persunal imħarreġ kif xieraq, fejn it-tfal jistgħu jiksbu informazzjoni u

	pariri dwar ir-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 8b.

Emenda 176
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-miżuri ta’ prevenzjoni għandhom jiddedikaw attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal li huma partikolarment vulnerabbli, inklużi tfal b’diżabilitajiet mentali jew fiżiċi.	Il-miżuri ta’ prevenzjoni għandhom jiddedikaw attenzjoni partikolari għall-ħtieġa li jiġu protetti t-tfal li huma partikolarment vulnerabbli, inklużi tfal b’diżabilitajiet mentali***, intellettwali, tas-sensi*** jew fiżiċi.

Emenda 177
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Ladarba jiġi stabbilit***, ***iċ-Ċentru tal-UE għandu jappoġġa*** b’mod proattiv ***l-isforzi ta’ prevenzjoni tal-Istati Membri billi***:	5. ***Għall-fini ta’ din id-Direttiva***, ***l-Istati Membri għandhom jiġu appoġġati*** b’mod proattiv ***miċ-Ċentru tal-UE, ladarba jiġi stabbilit minn***:

Emenda 178
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiffaċilita l-iskambju ***tal-aħjar*** prattiki fost l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi billi jżomm bażi tad-data pubblika ta’ miżuri u programmi ta’ prevenzjoni implimentati f’kull Stat Membri kif ukoll f’pajjiżi terzi.	(c) jiffaċilita ***l-ġenerazzjoni u*** l-iskambju ***tal-għarfien, il-linji gwida għall-professjonisti tal-ewwel linja, l-aħjar*** prattiki ***u l-għarfien espert*** fost l-Istati Membri***, l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji*** u l-pajjiżi terzi billi jżomm bażi tad-data pubblika ta’ miżuri u programmi ta’ prevenzjoni

	implimentati f'kull Stat Membri kif ukoll f'pajjiżi terzi.

Emenda 179
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jappoġġa l-iżvilupp ta' kampanji nazzjonali ta' sensibilizzazzjoni u prevenzjoni, programmi edukattivi u ta' intervent, għodod u materjali.

Emenda 180
Proposta għal direttiva
Artikolu 28 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-azzjonijiet elenkati fil-paragrafu 5 ikunu bbażati fuq l-evidenza u li dawk l-azzjonijiet iqisu l-manifestazzjonijiet li qed jevolvu tar-reati elenkati fid-Direttiva, inkluż online.

Emenda 181
Proposta għal direttiva
Artikolu 29 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jagħtu l-kunsens tagħhom biex*** jipparteċipaw fil-programmi jew il-miżuri bl-għarfien sħiħ tal-fatti;	(b) ***jaqblu li*** jipparteċipaw fil-programmi jew il-miżuri bl-għarfien sħiħ tal-fatti;

Emenda 182
Proposta għal direttiva
Artikolu 30 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jimblukkaw l-aċċess għal paġni web li jkun fihom jew ixerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal lejn utenti tal-Internet fit-territorju tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u għandhom jagħtu salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li hu neċessarju u proporzjonat, u li l-utenti jkunu infurmati bir-raġuni għal tali restrizzjoni. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju.	2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jimblukkaw ***minnufih*** l-aċċess għal paġni web li jkun fihom jew ixerrdu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal lejn utenti tal-Internet fit-territorju tagħhom. Dawn il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' proċeduri trasparenti u għandhom jagħtu salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiżguraw li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li hu neċessarju u proporzjonat, u li l-utenti jkunu infurmati bir-raġuni għal tali restrizzjoni. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju.

Emenda 183
Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandu jkollhom sistema fis-seħħ ***għall-ġbir, l-iżvilupp***, il-produzzjoni u ***t-tixrid tal-istatistika pubblika*** dwar ***ir-reati*** msemmija fl-Artikoli 3 sa 9.	1. L-Istati Membri għandu jkollhom sistema fis-seħħ ***għar-reġistrazzjoni***, il-produzzjoni u ***l-għoti ta' data statistika anonimizzata*** dwar ***l-istadji ta' rapportar, investigattivi u ġudizzjarji fir-rigward tar-reati kriminali*** msemmija fl-Artikoli 3 sa 9 ***sabiex tiġi mmonitorjata l-effettività tal-miżuri tagħhom biex jiġu miġġielda l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal***.

Emenda 184
Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-istatistika għandha tinkludi d-data li ġejja diżaggregata skont is-sess, l-età tal-vittma u tat-trasgressur, ir-relazzjoni bejn il-vittma u t-trasgressur u t-tip ta' reat:	2. L-istatistika għandha tinkludi d-data li ġejja diżaggregata skont is-sess, ***il-ġeneru,*** l-età tal-vittma u tat-trasgressur, ir-relazzjoni bejn il-vittma u t-trasgressur u t-tip ta' reat:

Emenda 185
Proposta għal direttiva
Artikolu 31 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-għadd annwali ta' persuni prosegwiti u kkundannati għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, miksuba minn sorsi amministrattivi nazzjonali;	(b) l-għadd annwali ta' ***reati rrapportati, ta'*** persuni prosegwiti u kkundannati għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 sa 9, miksuba minn sorsi amministrattivi nazzjonali;